Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOBEK
ippreżentati fis-17 ta’ Ġunju 2021[1]

**Kawża C-55/20**

**Ministerstwo Sprawiedliwości**
**intervenjent fil-kawża:**
**Pierwszy Zastępca Prokuratora Generalnego, Prokurator Krajowy,**
**Rzecznik Dyscyplinarny Izby Adwokackiej w Warszawie**

(Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Dyscyplinarny Izby Adwokackiej w Warszawie (it-Tribunal Dixxiplinari tal-Avukatura ta’ Varsavja, il-Polonja))

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Libertà li jiġu pprovduti pariri legali – Proċedimenti dixxiplinari kontra avukat – Kampijiet ta’ applikazzjoni rispettivi tad-Direttiva 2006/123/KE u d-Direttiva 98/5/KE – Applikabbiltà tad-Direttiva 2006/123/KE għal proċedimenti dixxiplinari – Skemi ta’ awtorizzazzjoni – Kunċett ta’ ‘qorti jew tribunal’ – Tribunal Dixxiplinari tal-Avukatura lokali kompost minn imħallfin onorarji – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u Artikolu 19(1) TUE – Setgħat ta’ qrati inferjuri fejn qorti nazzjonali superjuri ma tkunx indipendenti”

## I. Introduzzjoni

1. F’Lulju 2017, il-Prokurator Krajowy – Pierwszy Zastępca Prokuratora Generalnego (il-Prosekutur Pubbliku – l-Ewwel Prosekutur Ġenerali Sostitut) (iktar ’il quddiem il-“Prosekutur Nazzjonali”) talab lix-Rzecznik Dyscyplinarny Izby Adwokackiej w Warszawie (l-Aġent Dixxiplinari tal-Kamra tal-Avukati ta’ Varsavja, il-Polonja) (iktar ’il quddiem l-“Aġent Dixxiplinari tal-Kamra tal-Avukati ta’ Varsavja” jew l-“Aġent Dixxiplinari”) biex jibda proċedimenti dixxiplinari kontra l-avukat tal-ex President tal-Kunsill Ewropew, Donald Tusk. Fil-fehma tal-Prosekutur Nazzjonali, id-dikjarazzjonijiet magħmula minn dan l-avukat meta kien qiegħed jikkummenta pubblikament dwar il-possibbiltà li l-klijent tiegħu jiġi akkużat b’reat kriminali kienu jammontaw għal theddid illegali u nuqqas dixxiplinari serju. Għal darbtejn, l-Aġent Dixxiplinari jew irrifjuta li jibda dawn il-proċeduri jew iddeċieda li jwaqqafhom. Għal darbtejn, is-Sąd Dyscyplinarny Izby Adwokackiej w Warszawie (it-Tribunal Dixxiplinari tal-Avukatura ta’ Varsavja, il-Polonja) (iktar ’il quddiem it-“Tribunal Dixxiplinari”), wara appell ippreżentat mill-Prosekutur Nazzjonali jew mill-Ministru għall-Ġustizzja, ħassar dawn id-deċiżjonijiet u bagħat il-każ lura lill-Aġent Dixxiplinari.

[1] Lingwa Oriġinali: l-Ingliż.

2. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari saret fit-tielet "sensiela" ta' dawn il-proċeduri, li fih it-Tribunal Dixxiplinari qiegħed jeżamina d-deċiżjoni tal-Aġent Dixxiplinari li jwaqqaf għal darba oħra l-investigazzjoni dixxiplinari kontra dan l-avukat, wara appell ippreżentat għal darba oħra mill-Prosekutur Nazzjonali u mill-Ministru għall-Ġustizzja. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk id-Direttiva 2006/123/KE (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar is-Servizzi"[2]) u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") humiex applikabbli għal proċedimenti dixxiplinari pendenti quddiemha. Madankollu, jidher li l-qofol tal-kwistjoni quddiem il-qorti tar-rinviju tinsab x'imkien ieħor: x'konsegwenzi konkreti, f'termini proċedurali, għandha tislet il-qorti tar-rinviju mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża A.K. *et*[3], fid-dawl tal-fatt li d-deċiżjoni tagħha tista' tiġi sussegwentement appellata quddiem l-Izba Dyscyplinarna Sądu Najwyższego (l-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema, il-Polonja)? Kif tista' dik il-qorti, f'termini speċifiċi u prattiċi, tiżgura konformità mad-dritt tal-Unjoni?

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-Dritt tal-Unjoni*

#### *1. Id-Direttiva dwar is-Servizzi*

3. Il-premessa 33 tad-Direttiva dwar is-servizzi tiddikjara li "[i]s-servizzi koperti b'din id-Direttiva jkopri varjetà wiesgħa ta' attivitajiet li dejjem jinbidlu [...] Dak il-kunċett ikopri wkoll servizzi pprovduti kemm lil negozji kif ukoll lil konsumaturi, bħal parir legali jew fiskali [...]".

4. Skont il-premessa 39, "[i]l-kunċett ta' 'skema ta' awtorizzazzjoni' għandu jkopri, fost oħrajn, il-proċeduri amministrattivi għall-għotja ta' awtorizzazzjonijiet, liċenzji, approvazzjonijiet jew konċessjonijiet, u kif ukoll l-obbligu, sabiex jkun eliġibbli biex jeżerċita l-attività, biex jkun irreġistrat bħala membru ta' professjoni jew imdaħħal f'reġistru, lista jew database, biex jkunu uffiċjalment maħtura f'korp jew jikseb kard ta' sħubija ta' professjoni partikolari. [...]".

5. L-Artikolu 1(5) tad-Direttiva dwar is-Servizzi jipprovdi li:

"Din id-Direttiva ma taffettwax ir-regoli tal-liġi kriminali ta' l-Istati Membri. Madankollu, l-Istati Membri ma jistgħux jirrestrinġu l-libertà fil-provvista ta' servizzi billi japplikaw dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali li jirregolaw jew jaffettwaw speċifikament l-aċċess għal jew l-eżerċizzju ta' attività ta' servizz b'elużjoni tar-regoli stabbiliti f'din id-Direttiva."

6. L-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar is-Servizzi fih numru ta' definizzjonijiet għall-finijiet ta' din id-direttiva. Skont l-Artikolu 4(6), "skema ta' awtorizzazzjoni" tfisser "kull proċedura li fiha kull fornitur jew riċevitur hu tabilħaqq meħtieġ jieħu passi sabiex jikseb deċiżjoni formali minn awtorità kompetenti, jew deċiżjoni impliċita, rigward l-aċċess għal attività ta' servizz jew għall-eżerċizzju tagħha".

[2] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU 2006 L 376, p. 36).

[3] Sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A.K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982).

7. L-Artikolu 9(3) tad-Direttiva dwar is-servizzi, li jifforma parti mit-Taqsima I, intitolata "Awtorizzazzjonijiet" fi ħdan Kapitolu III dwar "Libertà għall-istabbiliment ta' fornituri", jipprovdi li din it-taqsima ma għandhiex tapplika għal dawk l-aspetti ta' skemi ta' awtorizzazzjoni li huma rregolati direttament jew indirettament minn strumenti Komunitarji oħrajn.

8. L-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar is-Servizzi, li huwa intitolat "Kondizzjonijiet biex tingħata l-awtorizzazzjoni", jistipula dan li ġej:

"1. Skemi ta' awtorizzazzjoni għandhom ikunu bbażati fuq kriterji li jżommu lill-awtoritajiet kompetenti milli jeżerċitaw is-setgħa tagħhom ta' evalwazzjoni b'mod arbitrarju.

2. Il-kriterji msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu:

(a) mhux-diskriminatorji;

(b) iġġustifikati mir-raġuni aktar importanti li għandha x'taqsam ma' l-interess pubbliku;

(c) proporzjonati ma' dak l-objettiv ta' interess pubbliku;

(d) ċari u mingħajr ambigwità;

(e) oġġettivi;

(f) magħmulin disponibbli għal pubbliku minn qabel;

(g) trasparenti u aċċessibbli.

[…]

6. Ħlief fil-każ ta' l-għoti ta' awtorizzazzjoni, kwalunkwe deċiżjoni mill-awtoritajiet kompetenti, inklużi ċaħda jew irtirar ta' awtorizzazzjoni, għandha tinkludi r-raġunijiet kollha u għandha tkun miftuħa għal sfida quddiem il-qrati jew istanzi oħrajn ta' appell.

[…]"

### *B. Id-dritt nazzjonali*

#### *1. Dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Kamra tal-Avukati*

9. Bis-saħħa tal-Artikolu 9 tal-ustawa z dnia 26 maja 1982 r. – Prawo o adwokaturze (il-Liġi tas-26 ta' Mejju 1982 dwar l-Avukatura) (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar l-Avukatura"):

"1. Dawn li ġejjin huma l-korpi tal-Avukatura: l-Assemblea Nazzjonali tal-Avukatura, il-Kunsill Suprem tal-Avukatura, it-Tribunal Dixxiplinari Superjuri, l-Aġent Dixxiplinari tal-Avukatura u l-Kumitat ta' Verifika Superjuri.

2. Huma biss avukati li jistgħu jkunu membri tal-korpi tal-Avukatura."

10. L-Artikolu 11 tal-Liġi dwar l-Avukatura jipprovdi li:

"1. Elezzjonijiet għall-korpi tal-Avukatura u għall-korpi tal-Kmamar tal-Avukati u tal-Awli tal-Avukatura għandhom isiru permezz ta' vot sigriet mingħajr limitu fuq in-numru ta' kandidati.

2. Il-mandat tal-korpi tal-Avukatura u tal-korpi tal-Kmamar tal-Avukati u tal-Awli tal-Avukatura huwa ta' erba' snin, iżda dawn huma obbligati jkomplu joperaw sakemm jiġu stabbiliti korpi eletti ġodda.

[…]

4. Membri individwali tal-korpi msemmija f'paragrafu 1 jistgħu jitkeċċew mill-korp li jkun eleġġiehom qabel l-iskadenza tal-mandat tagħhom.

[…]"

11. Skont l-Artikolu 58 tal-Liġi dwar l-Avukatura:

"Il-materji li ġejjin jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kunsill Suprem tal-Avukatura:

[…]

(13) sospensjoni tad-dritt li jiġu eżerċitati funzjonijiet minħabba ksur ta' obbligi essenzjali minn membri individwali tal-korpi ta' Kmamar ta' Avukati u korpi ta' Awli tal-Avukatura, bl-eċċezzjoni ta' membri ta' Tribunali Dixxiplinari, u l-applikazzjoni mal-korpi kompetenti għar-revoka tal-istess;

*2. Dispożizzjonijiet dwar nuqqas dixxiplinari serju*

12. Skont l-Artikolu 80 tal-Liġi dwar l-Avukatura:

"Avukati u avukati b'tiroċinju għandhom ikunu suġġetti għal responsabbiltà dixxiplinari għal aġir li jmur kontra l-liġi, il-prinċipji etiċi jew id-dinjità tal-professjoni jew għal ksur tal-obbligi professjonali tagħhom […]".

13. L-Artikolu 81(1) tal-Liġi dwar l-Avukatura jipprovdi li:

"Is-sanzjonijiet dixxiplinari huma s-segwenti:

(1) twissija;

(2) ċanfira;

(3) multa;

(4) sospensjoni tad-dritt li tiġi eżerċitata attività professjonali għal perijodu ta' bejn tliet xhur u ħames snin;

[…]

(6) tkeċċija mill-Avukatura."

14. Skont l-Artikolu 82(2) tal-Liġi dwar l-Avukatura:

"Tkeċċija mill-Avukatura tinvolvi tneħħija mir-reġistru tal-avukati mingħajr ebda dritt ta' applikazzjoni għal reġistrazzjoni mill-ġdid f'dan ir-reġistru għal perijodu ta' 10 snin mid-data li fiha d-deċiżjoni ta' tkeċċija mill-Avukatura ssir finali."

*3. Dispożizzjonijiet dwar l-amministrazzjoni tal-ġustizzja mit-Tribunali Dixxiplinari tal-Kamra tal-Avukati*

15. Konformement mal-punt 2 tal-Artikolu 40 tal-Liġi dwar l-Avukatura:

"Il-portata tal-attivitajiet tal-Assemblea Ġenerali tal-Kamra tal-Avukati tinkludi [...] l-għażla tal-President, tal-President tat-Tribunal Dixxiplinari, tal-Aġent Dixxiplinari, tal-President tal-Kumitat ta' Verifika u tal-membri u l-membri alternattivi tal-Kunsill tal-Avukatura Distrettwali, tat-Tribunal Dixxiplinari u tal-Kumitat ta' Verifika."

16. Skont l-Artikolu 91 tal-Liġi dwar l-Avukatura:

"1. Dawn l-ġejjin għandhom jagħtu deċiżjoni f'kawżi dixxiplinari:

(1) Tribunal Dixxiplinari tal-Kamra tal-Avukati;

(2) it-Tribunal Dixxiplinari Superjuri.

2. It-Tribunal Dixxiplinari tal-Kamra tal-Avukati għandu jisma' l-kawżi kollha bħala l-qorti tal-ewwel istanza, bl-eċċezzjoni tal-kawżi speċifikati fl-Artikolu 85(3) u seduti ta' appell kontra deċiżjoni ta' Aġent Dixxiplinari li ma jinbdewx proċedimenti dixxiplinari jew li jitwaqqfu proċedimenti dixxiplinari.

3. It-Tribunal Dixxiplinari Superjuri għandu jisma':

"(1) bħala l-qorti tat-tieni istanza, kawżi mismugħa fl-ewwel istanza mit-Tribunali Dixxiplinari tal-Kamra tal-Avukati;

(2) bħala qorti tal-ewwel istanza, kawżi dixxiplinari ta' membri tal-Kunsill Suprem tal-Avukatura u tal-kunsilli tal-avukatura reġjonali;

(3) kawżi oħra stipulati f'din il-liġi.

[...]"

17. Skont l-Artikolu 89 tal-Liġi dwar l-Avukatura:

"Tribunal Dixxiplinari għandu jkun indipendenti fir-rigward tad-deliberazzjonijiet tiegħu."

*4. Dispożizzjonijiet rigward il-proċedura quddiem it-Tribunali Dixxiplinari tal-Kamra tal-Avukati*

18. Skont l-Artikolu 88a(4) tal-Liġi dwar l-Avukatura:

"Il-partijiet fil-proċedura u l-Ministru għall-Ġustizzja għandhom id-dritt jippreżentaw appell kontra deċiżjonijiet u digrieti li jitterminaw proċedimenti dixxiplinari fi żmien 14-il jum mid-data ta' notifika ta' kopja tad-deċiżjonijiet jew digrieti, flimkien ma' dikjarazzjoni tar-raġunijiet, u struzzjonijiet rigward it-termini ta' żmien, u l-mod ta' preżentata ta' appell."

19. Skont l-Artikolu 91c tal-Liġi dwar l-Avukatura:

"Appell ta' kassazzjoni għandu jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti Suprema permezz tat-Tribunal Dixxiplinari Superjuri fi żmien 30 jum mid-data tal-għoti tad-deċiżjoni, flimkien mad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet."

20. Skont l-Artikolu 95n tal-Liġi dwar l-Avukatura:

"F'kawżi li ma humiex irregolati minn din il-liġi, għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal proċedimenti dixxiplinari d-dispożizzjonijiet:

(1) tal-Kodiċi dwar il-Proċedura Kriminali;

(2) tal-Kapitoli I sa III tal-Kodiċi Kriminali."

21. Skont l-Artikolu 100 § 8 tal-Kodeks postępowania karnego (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi tal-Proċedura Kriminali"):

"Wara l-għoti jew in-notifika tad-deċiżjoni jew digriet, il-partijiet fil-proċedura għandhom jingħataw struzzjonijiet rigward id-dritt tagħhom li jippreżentaw appell, u t-termini ta' żmien u l-metodu għall-istess preżentata, jew li d-deċiżjoni jew digriet ma humiex appellabbli."

22. Skont l-Artikolu 521(1) tal-Kodiċi dwar il-Proċedura Kriminali:

"Il-Prosekutur Ġenerali u anki l-Ombudsman jistgħu jippreżentaw appell ta' kassazzjoni kontra kwalunkwe deċiżjoni finali tal-qorti li ttemm il-proċeduri."

## III. Il-fatti, il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

23. Fl-20 ta' Lulju 2017, il-Prosekutur Nazzjonali talab lill-Aġent Dixxiplinari tal-Kamra tal-Avukati ta' Varsavja biex iressaq proċedimenti dixxiplinari kontra R.G., l-avukat tal-ex President tal-Kunsill Ewropew, Donald Tusk. Fil-fehma tal-Prosekutur Nazzjonali, R.G. kien qabeż il-limiti tal-libertà ta' espressjoni ta' avukat meta kkummenta pubblikament fl-10 u l-11 ta' Ottubru 2016 rigward il-possibbiltà li l-klijent tiegħu jiġi akkużat b'reat kriminali. Mill-perspettiva tal-Prosekutur Nazzjonali, id-dikjarazzjonijiet magħmula minn R.G. setgħu jiġu interpretati bħala theddid illegali u nuqqas dixxiplinari serju.

24. Fis-7 ta’ Novembru 2017, l-Aġent Dixxiplinari tal-Kamra tal-Avukati ta’ Varsavja rrifjuta li jibda investigazzjoni dixxiplinari. Fit-23 ta’ Mejju 2018, wara appell mill-Prosekutur Nazzjonali, din id-deċiżjoni tħassret mit-Tribunal Dixxiplinari tal-Avukatura ta’ Varsavja. Il-kawża ntbagħtet lura lill-Aġent Dixxiplinari.

25. Fit-18 ta’ Ġunju 2018, l-Aġent Dixxiplinari beda investigazzjoni dixxiplinari fil-konfront ta’ R.G. abbażi tal-fatti msemmija hawn fuq. Fit-28 ta’ Novembru 2018, l-Aġent Dixxiplinari ddeċieda li jwaqqaf l-investigazzjoni wara li sab li l-azzjonijiet ta’ R.G. ma kinux jammontaw għal nuqqas dixxiplinari serju. Fit-13 ta’ Ġunju 2019, wara appell mill-Prosekutur Nazzjonali u mill-Ministru għall-Ġustizzja, din id-deċiżjoni tħassret mit-Tribunal Dixxiplinari. Il-kawża ntbagħtet lura, għat-tieni darba, lill-Aġent Dixxiplinari għal kunsiderazzjoni mill-ġdid.

26. Fit-8 ta’ Awwissu 2019, l-Aġent Dixxiplinari waqqaf għal darba oħra l-inkjesta pubblika dwar R.G. Kemm il-Prosekutur Nazzjonali kif ukoll il-Ministru għall-Ġustizzja appellaw minn din id-deċiżjoni. Konsegwentement, jidher li t-Tribunal Dixxiplinari bħalissa huwa adit b’din il-kwistjoni għat-tielet darba.

27. F’dawn iċ-ċirkustanzi fattwali u legali, is-Sąd Dyscyplinarny Izby Adwokackiej w Warszawie (it-Tribunal Dixxiplinari tal-Avukatura ta’ Varsavja, il-Polonja) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u jagħmel id-domandi li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari:

“(1) Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tad-[Direttiva dwar is-Servizzi], b’mod partikolari l-Artikolu 10(6) ta’ din id-direttiva japplikaw għal proċeduri ta’ responsabbiltà dixxiplinari ta’ avukati, kif ukoll ta’ professjonisti legali barranin iskritti mal-Kamra tal-Avukati, fejn taħt din ir-responsabbiltà l-avukat jista’ b’mod partikolari jkun suġġett għal sanzjoni pekunjarja, jiġi sospiż mill-attivitajiet professjonali jew jitkeċċa mill-professjoni, filwaqt li l-professjonist legali barrani jista’ b’mod partikolari jkun suġġett għal sanzjoni pekunjarja, jiġi sospiż mid-dritt tiegħu li jipprovdi għajnuna legali fir-Repubblika tal-Polonja jew jiġi pprojbit milli jipprovdi għajnuna legali fir-Repubblika tal-Polonja? Fil-każ ta’ risposta fl-affermattiv, id-dispożizzjonijiet tal-[Karta], b’mod partikolari l-Artikolu 47 tagħha, għandhom jiġu applikati għall-imsemmija proċeduri quddiem Tribunali Dixxiplinari tal-Avukatura f’każijiet fejn id-deċiżjonijiet ta’ dawn it-tribunali ma huma suġġetti għal ebda appell quddiem il-qrati nazzjonali jew f’każijiet fejn id-deċiżjonijiet tagħhom huma suġġetti esklużivament għal appell straordinarju, bħalma huwa appell ta’ kassazzjoni quddiem il-Qorti Suprema, u dan anki f’każijiet fejn l-elementi kollha rilevanti jseħħu fi ħdan Stat Membru wieħed?

(2) F’każ li fih, fil-proċeduri msemmija fl-ewwel domanda, l-istanza kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta’ kassazzjoni minn deċiżjoni ta’ Tribunal Dixxiplinari tal-Avukatura jew minn ilment kontra ordni li tiċħad l-ammissibbiltà ta’ tali kassazzjoni konformement mad-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli hija organu li, fil-fehma ta’ dan it-tribunal, liema fehma hija konformi mal-evalwazzjoni espressa mill-Qorti Suprema fis-sentenza tal-5 ta’ Diċembru 2019, referenza III PO 7/18, ma huwiex qorti indipendenti u imparzjali konformement mal-Artikolu 47 tal-Karta, huwa neċessarju li jitwarrbu d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jistabbilixxu l-kompetenza ta’ tali organu, u t-Tribunal Dixxiplinari tal-Avukatura għandu dmir li jirreferi tali kassazzjoni jew ilment lil istanza ġudizzjarja li kien ikollha kompetenza li kieku d-dispożizzjonijiet imsemmija iktar ’il fuq ma kinux jopponuha?

(3) F'każ fejn, fil-proċeduri msemmija fl-ewwel domanda, konformement mal-pożizzjoni adottata mit-Tribunal Dixxiplinari tal-Avukatura l-kassazzjoni minn deċiżjoni ta' dan it-tribunal la tkun kompetenza tal-Prokurator Generalny (il-Prosekutur Ġenerali) u lanqas tax-Rzecznik Praw Obywatelskich (l-Ombudsman), u din il-pożizzjoni tkun:

(a) kuntrarja għall-pożizzjoni espressa mill-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema, f'formazzjoni ġudikanti ta' seba' mħallfin, tas-27 ta' Novembru 2019, sygnatura akt II DSI 67/18, jiġifieri l-istanza li, konformement mad-dispożizzjonijiet nazzjonali fis-seħħ, hija kompetenti milli tieħu konjizzjoni ta' lment kontra ordni li tiċħad l-ammissibbiltà ta' tali kassazzjoni, iżda li, skont il-fehma tat-Tribunal Dixxiplinari tal-Avukatura, liema fehma hija konformi mal-evalwazzjoni espressa mill-Qorti Suprema fis-sentenza tal-5 ta' Diċembru 2019, referenza III PO 7/18, ma hijiex qorti indipendenti u imparzjali konformement mal-Artikolu 47 tal-Karta;

(b) konformi mal-pożizzjoni espressa preċedentement mill-Awla Kriminali tal-Qorti Suprema, jiġifieri l-istanza ġudizzjarja li tkun kompetenti milli tieħu konjizzjoni ta' dan l-ilment, li kieku d-dispożizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq ma kinux jopponuha;

it-Tribunal Dixxiplinari tal-Avukatura jista' (jew għandu) jinjora l-pożizzjoni espressa mill-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema?

(4) F'każ fejn, fil-proċeduri msemmija fit-tielet domanda, [il-Ministerstwo Sprawiedliwości (il-Ministru għall-Ġustizzja)] jressaq appell quddiem it-Tribunal Dixxiplinari tal-Avukatura, iżda:

(a) wieħed mill-fatturi li, fil-fehma tal-Qorti Suprema espressa fis-sentenza tal-5 ta' Diċembru 2019, referenza III PO 7/18, kif ukoll fil-fehma tat-Tribunal Dixxiplinari tal-Avukatura, jiġġustifikaw il-fehma li l-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema, jiġifieri l-istanza msemmija fl-inċiż a) tat-tielet domanda, ma hijiex qorti imparzjali u indipendenti konformement mal-Artikolu 47 tal-Karta, huwa l-influwenza tas-setgħa eżekuttiva, inkluż tal-Ministru għall-Ġustizzja, fuq il-kompożizzjoni tagħha;

(b) il-liġi tipprevedi li l-funzjoni ta' Prosekutur Ġenerali hija eżerċitata esklużivament mill-Ministru għall-Ġustizzja, li skont il-pożizzjoni espressa mill-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema, jiġifieri l-istanza msemmija fl-inċiż a) tat-tielet domanda, ikollu d-dritt jippreżenta appell ta' kassazzjoni minn deċiżjoni mogħtija b'riżultat ta' appell, filwaqt li konformement mal-pożizzjoni espressa mill-Awla Kriminali tal-Qorti Suprema, jiġifieri l-istanza ġudizzjarja msemmija fl-inċiż b) tat-tielet domanda, kif ukoll skont il-pożizzjoni tat-Tribunal Dixxiplinari tal-Avukatura, huwa ma għandux dan id-dritt,

dan it-Tribunal Dixxiplinari tal-Avukatura għandu joqgħod lura milli jieħu konjizzjoni tal-appell jekk b'dan il-mod biss ikun jista' jiżgura li l-proċedura tosserva l-Artikolu 47 tal-Karta u b'mod partikolari jevita indħil f'dawn il-proċeduri min-naħa ta' istanza li ma hijiex qorti indipendenti u imparzjali konformement ma' din id-dispożizzjoni?"

28. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew sottomessi mill-Prosekutur Nazzjonali, il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi u dak Pollakk, u mill-Kummissjoni Ewropea.

29. Fis-16 ta' Frar 2021, it-Tribunal Dixxiplinari wieġeb għat-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja għal kjarifika magħmula skont l-Artikolu 101 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

## IV. Evalwazzjoni

30. Dawn il-konklużjonijiet huma strutturati bil-mod segwenti. L-ewwel sejjer neżamina jekk it-Tribunal Dixxiplinari tal-Avukatura ġewwa Varsavja huwiex "qorti jew tribunal" fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE (A). Sejjer imbagħad nindirizza l-applikabbiltà tad-Direttiva dwar is-Servizzi u tal-Artikolu 47 tal-Karta għal proċedimenti dixxiplinari kontra avukati (B) qabel ma ndur għat-tieni u r-raba' domanda dwar is-setgħat tat-Tribunal Dixxiplinari biex tiġi żgurata konformità mad-dritt tal-Unjoni (C).

### *A. It-Tribunal Dixxiplinari huwa qorti jew tribunal fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE?*

31. Skont ġurisprudenza stabbilita, sabiex jiġi ddeterminat jekk l-organu tar-rinviju għandux in-natura ta' "qorti jew tribunal" skont l-Artikolu 267 TFUE, kwistjoni li taqa' biss taħt id-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tieħu inkunsiderazzjoni dawn il-fatturi: jekk l-organu huwiex stabbilit bil-liġi; jekk huwiex permanenti; jekk il-ġurisdizzjoni tiegħu hijiex mandatorja; jekk il-proċedura tiegħu hijiex ta' natura kontradittorja; jekk japplikax regoli tad-dritt; u jekk huwiex indipendenti [4].

32. It-Tribunal Dixxiplinari jissodisfa ħafna minn dawn il-kundizzjonijiet. Kif ġie spjegat fid-deċiżjoni tar-rinviju, li ma ġiet ikkontestata minn ebda parti interessata, it-Tribunal Dixxiplinari ġie stabbilit mil-Liġi Pollakka dwar l-Avukatura; huwa permanenti; japplika regoli proċedurali stabbiliti fil-Liġi dwar l-Avukatura u fil-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali; u d-deċiżjonijiet tiegħu huma vinkolanti u jistgħu jiġu inforzati. Barra minn hekk, it-Tribunal Dixxiplinari jidher li għandu kompetenza mandatorja fuq it-tilwimiet dixxiplinari fdati lilu mid-dritt nazzjonali.

33. Madankollu, filwaqt li l-Kummissjoni tqis li t-Tribunal Dixxiplinari huwa għalhekk "qorti jew tribunal" fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, kemm il-Prosekutur Nazzjonali kif ukoll il-Gvern Pollakk ma jaqblux ma' din il-konklużjoni.

34. Skont il-Prosekutur Nazzjonali, it-Tribunal Dixxiplinari ma huwiex qorti jew tribunal fid-dawl tal-istadju li fih waslu l-proċedimenti dixxiplinari inkwistjoni u s-suġġett tat-tilwima. Fil-kawża prinċipali, l-Aġent Dixxiplinari tal-Kamra tal-Avukati ta' Varsavja għadu ma akkużax lil R.G. bit-twettiq ta' reat dixxiplinari. Bħala tali, l-istadju tal-proċedura li fih tinstema' kull naħa tal-argument għadu ma bediex. Barra minn hekk, fl-istħarriġ tiegħu tad-deċiżjoni tal-Aġent Dixxiplinari li jwaqqaf il-proċedimenti dixxiplinari, it-Tribunal Dixxiplinari ma għandux jiddeċiedi dwar id-dritt ta' R.G. li jeżerċita l-attività professjonali tiegħu taħt il-Kapitolu III tad-Direttiva dwar is-Servizzi, iżda sempliċement jivverifika jekk id-deċiżjoni li pprekludiet deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà dixxiplinari ta' R.G. kinitx fondata.

35. Skont il-Gvern Pollakk, mhux biss it-Tribunal Dixxiplinari ma huwiex qorti fis-sens tal-Artikolu 179 tal-Kostituzzjoni Pollakka, iżda wkoll ma jistax jiġi kkunsidrat indipendenti għall-finijiet tal-Artikolu 267 TFUE. L-ewwel nett, il-membri tiegħu huma eletti mill-Assemblea Ġenerali tal-Kamra tal-Avukati kkonċernata għal mandat ta' erba' snin li jista' jiġġedded. Għaldaqstant, l-imħallfin tat-Tribunal Dixxiplinari jagħtu deċiżjonijiet dwar kawżi dixxiplinari li għandhom x'jaqsmu ma' kollegi tagħhom stess, li permezz tal-appoġġ tagħhom ikunu ġew eletti u

[4] Ara, pereżempju, is-sentenzi tas-17 ta' Settembru 1997, Dorsch Consult (C-54/96, EU:C:1997:413, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata); tad-9 ta' Ottubru 2014, TDC (C-222/13, EU:C:2014:2265, punt 27); tas-6 ta' Ottubru 2015, Consorci Sanitari del Maresme (C-203/14, EU:C:2015:664, punt 17 u l-ġurisprudenza ċċitata); u tal-24 ta' Mejju 2016, MT Højgaard u Züblin (C-396/14, EU:C:2016:347, punt 23).

jistgħu potenzjalment jerġgħu jiġu eletti. It-tieni, membri tat-Tribunal Dixxiplinari ma jgawdu minn ebda garanziji rigward il-mandat tagħhom. Jistgħu jitneħħew qabel jispiċċa l-mandat tagħhom mill-korp li eleġġihom, senjatament l-Assemblea Ġenerali kkostitwita mill-avukati kollha tal-Kmamar tal-Avukati kkonċernati. It-tielet, hemm dubju kemm imħallfin sedenti fit-Tribunal Dixxiplinari huma impermeabbli għal elementi esterni. F'dan il-każ, il-President tat-Tribunal Dixxiplinari, għalkemm mhux membru tal-awla, ikun informa lill-partijiet fil-kawża li setgħu jikkontestaw is-sospensjoni tal-proċeduri għall-finijiet tat-talba għal deċiżjoni preliminari, filwaqt li l-awla li tiddeċiedi kienet tal-fehma li d-deċiżjoni tar-rinviju ma setgħetx tiġi kkontestata.

36. Fi ftit kliem, filwaqt li l-Prosekutur Nazzjonali jikkontesta l-eżistenza ta' tilwima *inter partes* ġenwina pendenti quddiem it-Tribunal Dixxiplinari, il-Gvern Pollakk jikkunsidra li dan il-korp ma huwiex *indipendenti*. Sejjer issa nittratta dawn iż-żewġ punti.

*1. Tilwima inter partes?*

37. Sabiex ikun hemm qorti jew tribunal fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, din id-dispożizzjoni teħtieġ li jkun hemm proċedura *inter partes*. Għalkemm tifforma parti mill-kriterji ta' Dorsch[5], huwa forsi ġust li jiġi rikonoxxut li din il-kundizzjoni ma hijiex insormontabbli. Il-Qorti tal-Ġustizzja qalet ripetutament li dan ma huwiex kriterju assolut[6].

38. Barra minn hekk, qorti nazzjonali tista' tressaq domanda quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja biss jekk tilwima tkun *pendenti* quddiemha u jekk tintalab tiddeċiedi fil-kuntest ta' proċedura maħsuba li twassal għal deċiżjoni ta' natura ġudizzjarja[7]. F'dawn il-limiti, madankollu, hija biss il-qorti nazzjonali li għandha tiddeċiedi eżattament f'liema stadju tal-proċedura jeħtieġ li titressaq domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja[8]. Il-Qorti tal-Ġustizzja teħtieġ biss li t-tilwima tkun pendenti fil-mument tat-talba għal deċiżjoni preliminari[9].

39. F'dan il-każ, il-Prosekutur Nazzjonali jsostni li l-proċeduri quddiem it-Tribunal Dixxiplinari ma humiex *inter partes* peress li t-"tilwima" tikkonċerna d-deċiżjoni (tal-Aġent Dixxiplinari) li *ma jinbdewx* proċedimenti dixxiplinari (għall-kuntrarju ta' deċiżjoni li jitressqu dawn il-proċeduri jew li tiġi imposta sanzjoni dixxiplinari effettiva). B'dan il-mod, jidher li qiegħed jiġi ssuġġerit li l-istadju tal-proċeduri huwa wieħed iżjed bikri, b'ebda skambju dirett bejn R.G. u l-korpi dixxiplinari kompetenti. Għalhekk ma hemm ebda tilwima ġenwina pendenti.

40. Jiena ma naqblix.

41. Il-Prosekutur Nazzjonali jidher li qiegħed jgħaqqad żewġ affarijiet: il-fatt li jkun hemm proċeduri kontenzjużi bejn *xi* partijiet u l-bżonn li jkun hemm tilwima speċifika ħafna li tikkonċerna żewġ partijiet *konkreti*. Fuq din il-bażi, il-Prosekutur Pubbliku essenzjalment

5 Is-sentenzi tas-17 ta' Settembru 1997, Dorsch Consult (C-54/96, EU:C:1997:413) Ara iktar 'il fuq, il-punt 31 ta' dawn il-konklużjonijiet.

6 Ara, pereżempju, is-sentenzi tas-17 ta' Settembru 1997, Dorsch Consult (C-54/96, EU:C:1997:413, punt 31), u tal-31 ta' Jannar 2013, D. u A. (C-175/11, EU:C:2013:45, punt 88).

7 Ara, pereżempju, is-sentenzi tas-27 ta' April 2006, Standesamt Stadt Niebüll (C-96/04, EU:C:2006:254, punt 13 u l-ġurisprudenza ċċitata); tas-16 ta' Ġunju 2016, Pebros Servizi (C-511/14, EU:C:2016:448, punt 24); u tal-4 ta' Settembru 2019, Salvoni (C-347/18, EU:C:2019:661, punt 26).

8 Ara, pereżempju, is-sentenzi tas-17 ta' Lulju 2008, Coleman (C-303/06, EU:C:2008:415, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tat-22 ta' Diċembru 2008, Les Vergers du Vieux Tauves (C-48/07, EU:C:2008:758, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

9 Ara, pereżempju, is-sentenza tat-13 ta' April 2000, Lehtonen and Castors Braine (C-176/96, EU:C:2000:201, punt 19).

jissuġġerixxi li, peress li ma hemm ebda "proċess sħiħ" fuq il-mertu bħala parti minn proċedimenti dixxiplinari bejn żewġ partijiet speċifiċi, għaldaqstant ma teżisti ebda tilwima reali; u, għaldaqstant, ebda proċeduri *inter partes*.

42. Madankollu, sabiex ikun hemm tilwima *inter partes*, il-ġurisprudenza msemmija iktar 'il fuq sempliċement teħtieġ tilwima ġenwina dwar il-liġi u l-applikazzjoni tagħha bejn xi partijiet[10]. F'dan il-kuntest, ċertament li teżisti tilwima *inter partes* ta' dan it-tip peress li l-partijiet jikkonsistu fl-Aġent Dixxiplinari, fuq naħa, u l-Prosekutur Nazzjonali u l-Ministru għall-Ġustizzja, fuq in-naħa l-oħra, u t-tilwima qed titressaq quddiem terza persuna, senjatament it-Tribunal Dixxiplinari. Il-kwistjoni dwar jekk R.G. huwiex teknikament diġà parti f'din it-tilwima, u l-istadju li fih, taħt id-dritt nazzjonali, huwa jingħata drittijiet sħaħ bħala l-parti akkużata, hija, f'termini ta' jekk teżistix tilwima *inter partes* ġenwina, irrilevanti.

43. L-istess għandu jingħad fir-rigward tal-istadju tal-proċedura: għal darba oħra, ukoll f'termini ta' ammissibbiltà, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ma tillimitax l-istadju eżatt tal-proċedura nazzjonali li fih tista' ssir talba għal deċiżjoni preliminari. Kull ma huwa meħtieġ hu li jkun hemm tilwima ġenwina[11] bejn xi partijiet, li, għall-finijiet tal-kawża prinċipali, jidher b'mod ċar li huwa l-każ.

44. Fil-fehma tiegħi, għalhekk, ma hemm ebda dubju li fil-kawża prinċipali hemm tilwima *inter partes* fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE.

## *2. Indipendenza*

45. Il-kunċett ta' "indipendenza" għandu żewġ karatteristiċi. L-ewwel nett, fir-rigward tal-indipendenza *esterna*, hija ġurisprudenza stabbilita li l-korp ikkonċernat irid ikun kapaċi jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu b'mod kompletament awtonomu, mingħajr ma jkun suġġett għal restrizzjoni ġerarkika jew ikun subordinat għal kwalunkwe korp ieħor, u mingħajr ma jieħu ordnijiet jew struzzjonijiet mingħand kwalunkwe sors ieħor, b'mod li għaldaqstant ikun protett kontra interventi jew pressjonijiet esterni li jistgħu jfixklu l-ġudizzju indipendenti tal-membri tiegħu u jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tagħhom[12].

46. L-irremovabbiltà tal-membri tal-korp ikkonċernat tikkostitwixxi garanzija inerenti għall-indipendenza ġudizzjarja peress li din hija intiża għall-protezzjoni tal-persuna li għandha l-kompitu li tiddeċiedi[13]. Il-garanzija ta' irremovabbiltà tal-membri ta' qorti jew tribunal teżiġi għalhekk li t-tkeċċija ta' membri ta' dan il-korp tkun iddeterminata minn regoli speċifiċi, permezz ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi espressi li joffru garanziji li jmorru lil hinn minn dawk previsti mir-regoli ġenerali tad-dritt amministrattiv u tad-dritt industrijali li japplikaw f'każ ta' tkeċċija illegali[14]. Tali garanziji ta' indipendenza u imparzjalità jeħtieġu l-eżistenza ta' regoli, b'mod partikolari, fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-korp u tal-ħatra, tat-terminu tal-funzjonijiet

10 Ara, bl-istess mod, is-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2009, Roda Golf & Beach Resort (C-14/08, EU:C:2009:395, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

11 *A contrario*, għall-finijiet ta' ammissibbiltà ta' tilwim artifiċjali – ara s-sentenzi tal-11 ta' Marzu 1980, Foglia (I) (104/79, EU:C:1980:73), u tas-16 ta' Diċembru 1981, Foglia (II) (244/80, EU:C:1981:302). Ara wkoll is-sentenza tal-5 ta' Lulju 2016, Ognyanov (C-614/14, EU:C:2016:514, b'mod partikolari l-punti 12 u 26).

12 Reċentement, ara, pereżempju, is-sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, A.B. *et* (Ħatra ta' mħallfin għall-Qorti Suprema – Azzjonijiet) (C-824/18, EU:C:2021:153, b'mod partikolari punti 117 sa 119).

13 Ara, pereżempju, is-sentenza tal-21 ta' Jannar 2020, Banco de Santander (C-274/14, EU:C:2020:17, punti 57 u 58 u l-ġurisprudenza ċċitata).

14 Sentenza tal-21 ta' Jannar 2020, Banco de Santander (C-274/14, EU:C:2020:17, punt 60). Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Ottubru 2014, TDC (C-222/13, EU:C:2014:2265, punti 32 u 35).

kif ukoll tar-raġunijiet għal astensjoni, ta' rikuża u ta' tkeċċija tal-membri tiegħu, li jippermettu li jitneħħa kull dubju raġonevoli, fil-moħħ tal-individwi, dwar l-impermeabbiltà ta' dan il-korp fir-rigward ta' fatturi esterni u tan-newtralità tiegħu fir-rigward tal-interessi quddiemu [15].

47. It-tieni aspett tal-kunċett ta' indipendenza, li huwa ta' natura *interna*, jirrelata prinċiparjament mal-kunċett ta' imparzjalità. Dan ifittex li jiżgura kundizzjonijiet indaqs fir-rigward tal-partijiet fil-kawża u tal-interessi rispettivi tagħhom fir-rigward tas-suġġett tagħha. Dan l-aspett jeżiġi oġġettività u l-assenza ta' kull interess fl-eżitu tal-proċedura lil hinn mill-applikazzjoni stretta tad-dispożizzjoni legali. Għaldaqstant, il-kunċett ta' "indipendenza", li huwa inerenti għall-kompitu ta' għoti ta' deċiżjoni, jimplika qabel kollox li l-korp ikkonċernat jaġixxi bħala terza persuna fir-rigward tal-awtorità li adottat id-deċiżjoni kkontestata [16].

48. F'dan il-każ, żewġ elementi relatati mal-kompożizzjoni tat-Tribunal Dixxiplinari ġew essenzjalment identifikati mill-Gvern Pollakk bħala potenzjalment problematiċi mill-perspettiva ta' indipendenza: l-allegata assenza ta' irremovabbiltà tal-membri tiegħu u l-fatt li huwa magħmul minn avukati, membri tal-Kamra tal-Avukati, li jaġixxu, sa ċertu punt, bħala "imħallfin onorarji" pjuttost milli bħala mħallfin professjonisti.

49. Ma nistax ma naqbilx mal-Gvern Pollakk rigward l-importanza ta' indipendenza ġudizzjarja u l-importanza li korp, jekk jixtieq jissejjaħ "qorti", jikkonforma mar-rekwiżiti kollha relatati mad-dimensjonijiet kemm *esterni* kif ukoll *interni* tal-kunċett ta' indipendenza ġudizzjarja. Madankollu, f'dan il-każ, wara kjarifiki magħmula mill-qorti tar-rinviju, ma narax għalfejn it-Tribunal Dixxiplinari ma għandux jissodisfa dawn il-kriterji jekk jiġi evalwat għall-finijiet tal-Artikolu 267 TFUE.

50. L-ewwel nett, rigward l-allegata assenza ta' irremovabbiltà tal-membri tat-Tribunal Dixxiplinari, fit-test tiegħu, l-Artikolu 11(4) tal-Liġi dwar l-Avukatura tabilħaqq jgħid li l-membri individwali tal-korpi tal-Avukatura, inkluż għalhekk it-Tribunal Dixxiplinari, li huwa wieħed minn dawn il-korpi, jistgħu jitkeċċew mill-korp li jkun eleġġiehom, senjatament mill-Assemblea Ġenerali tal-Kamra tal-Avukati, qabel jintemm il-mandat tagħhom [17].

51. Madankollu, ma jidher li hemm ebda dispożizzjonijiet legali ulterjuri, jew almenu ebda waħda li nġabet għall-attenzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja minn waħda mill-partijiet ikkonċernati, li jindikaw b'mod espress meta, kif u għalfejn il-membri tat-Tribunal Dixxiplinari jistgħu jitkeċċew. L-assenza ta' tali dispożizzjonijiet tista' tindika li l-arranġamenti għat-tkeċċija tal-membri ma ġewx iddeterminati minn regoli speċifiċi u minflok japplikaw regoli ġenerali tad-dritt amministrattiv u tad-dritt industrijali. Konsegwentement, it-tkeċċija tal-membri tiegħu ma tkunx limitata għal ċerti każijiet eċċezzjonali, kif inhu meħtieġ mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jiġi kkaratterizzat bħala "qorti jew tribunal" [18].

52. Madankollu, fuq talba għal kjarifika mill-Qorti tal-Ġustizzja, it-Tribunal Dixxiplinari qal li l-Artikolu 11(4) tal-Liġi dwar l-Avukatura minn dejjem kien jikkostitwixxi liġi ineffettiva u qatt ma ġie implimentat. Ma hemm ebda dispożizzjoni li tispeċifika kif u meta l-Assemblea Ġenerali tal-Kamra tal-Avukati tista' tkeċċi membru tat-Tribunal Dixxiplinari qabel ma jintemm

15 Sentenza tad-9 ta' Ottubru 2014, TDC (C-222/13, EU:C:2014:2265, punt 32).

16 Ara, pereżempju, is-sentenza tal-21 ta' Jannar 2020, Banco de Santander (C-274/14, EU:C:2020:17, punti 61 u 62 u l-ġurisprudenza ċċitata).

17 Riprodotta iktar 'il fuq, fil-punt 10 ta' dawn il-konklużjonijiet. Ara wkoll l-Artikolu 40(2) tal-Liġi Pollakka dwar l-Avukatura, iktar 'il fuq f'punt 15 ta' dawn il-konklużjonijiet.

18 Ara, pereżempju, is-sentenzi tad-9 ta' Ottubru 2014, TDC (C-222/13, EU:C:2014:2265, punti 33 sa 36), u tal-21 ta' Jannar 2020, Banco de Santander (C-274/14, EU:C:2020:17, punti 66 sa 68).

il-mandat tiegħu jew tagħha. Skont it-Tribunal Dixxiplinari, isegwi wkoll mill-punt 13 Artikolu 58 tal-Liġi dwar l-Avukatura li membru tat-Tribunal Dixxiplinari ma jistax jitkeċċa qabel ma jintemm il-mandat tiegħu. Bl-istess raġunament, ir-regoli ta' proċedura tal-Assemblea Nazzjonali tal-Avukatura ma fihom ebda dispożizzjoni rigward it-tkeċċija ta' membri tat-Tribunal Dixxiplinari. Finalment, u fi kwalunkwe każ, l-Assemblea tal-Avukatura ta' Varsavja qatt ma keċċiet membru tat-Tribunal Dixxiplinari.

53. Fil-fehma tiegħi, it-Tribunal Dixxiplinari pprovda biżżejjed informazzjoni biex jiġi stabbilit li l-Artikolu 11(4) tal-Liġi dwar l-Avukatura huwa ineffettiv. Għaldaqstant jidher li l-membri tat-Tribunal Dixxiplinari tabilħaqq ma jistgħux jitneħħew u, b'konsegwenza ta' dan, l-indipendenza esterna ta' dik il-qorti f'termini ta' irremovabbiltà tal-membri tagħha ma toħloq ebda kwistjoni.

54. It-tieni nett, ġie ssuġġerit ukoll, din id-darba rigward l-indipendenza interna u l-imparzjalità, li t-Tribunal Dixxiplinari ma huwiex indipendenti peress li huwa magħmul minn avukati, membri tal-Kamra tal-Avukati, u mhux minn imħallfin professjonisti. Għal din ir-raġuni, it-Tribunal Dixxiplinari ma jirrappreżentax terz indipendenti, iżda pjuttost kollezzjoni ta' individwi li huma kemm eletti kif ukoll imġedda, u għaldaqstant possibbilment influwenzati mill-kollegi tagħhom.

55. Tabilħaqq, hemm tħassib li kultant jiġi espress fir-rigward ta' proċeduri, b'mod partikolari proċedimenti dixxiplinari, li jitwettqu mill-kollegi ta' dak li jkun. Dawn ivarjaw minn allegazzjonijiet ta' korporatiżmu fi ħdan professjoni għal probabbiltà ta' kunflitti ta' interessi. Fuq naħa waħda tal-ispettru, "solidarjetà professjonali falza" tiġi mċanfra, b'mod partikolari mill-pubbliku inġenerali, li kultant ma jkunx kuntent bl-eżitu ta' proċedimenti dixxiplinari individwali, u li ħafna drabi jħoss li s-sanzjonijiet huma wisq laxki, fejn saħansitra jissuġġerixxi li f'dawn is-sistemi ma jeżisti ebda proċess indipendenti minħabba "protezzjoni reċiproka żgurata" fi ħdan dik il-professjoni. Fuq in-naħa l-oħra ta' dan l-ispettru, kultant jiġi ssuġġerit, forsi iktar ta' spiss minn ġewwa l-professjoni nnifisha, li korp dixxiplinari kompost b'dan il-mod ma kienx imparzjali f'każ konkret minħabba ġibdiet, konnessjonijiet, jew għira personali, li jwasslu għal interess reali li kollega jiġi ssanzjonat.

56. Jekk u sakemm ma tiġix stabbilita xi waħda minn dawn l-allegazzjonijiet ġenerali, jew fuq livell tal-liġi, jew fil-prattika u fl-applikazzjoni tal-liġi[19], li tippermetti li l-indipendenza ta' korp ġudizzjarju tiġi kkontestata, inqis li tali insinwazzjonijiet jew konġetturi ftit huma ta' rilevanza għall-finijiet ta' evalwazzjoni dwar jekk korp nazzjonali jistax jikkwalifika bħala qorti jew tribunal fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE. Kif issuġġerejt reċentement, l-evalwazzjoni ta' indipendenza taħt l-Artikolu 267 TFUE teħtieġ li l-kunċett ta' qorti jew tribunal jiġi eżaminat fil-livell strutturali u istituzzjonali. Dan jiġi eżaminat permezz ta' ħarsa lejn il-korp ġuridiku li jagħmel ir-rinviju, filwaqt li tittieħed inkunsiderazzjoni l-funzjoni li dan il-korp għandu jeżerċita fiċ-ċirkustanzi partikolari ta' każ[20].

57. Ma narax għalfejn f'termini strutturali, korpi ġudizzjarji komposti minn "imħallfin onorarji" ma jistgħux jitqiesu bħala qorti jew tribunal fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, sakemm ċertament, bħala parti mill-attività ġudizzjarja tagħhom, jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha ta' indipendenza ġudizzjarja. Fi kliem ieħor, ir-rekwiżit ta' indipendenza huwa *eżattament l-istess għal kwalunkwe qorti*, kemm jekk komposta minn "imħallfin professjonisti" jew "imħallfin onorarji", jew taħlita tat-tnejn.

[19] Fid-dettall, ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et* (C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19 u C-355/19, EU:C:2020:746, punti 240 sa 248).

[20] Ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi magħquda WB *et* (C-748/19 sa C-754/19, EU:C:2021:403, punti 52 u 166).

58. Għandu jitfakkar li l-istruttura tas-sistema ġudizzjarja nazzjonali hija awtomatikament l-għażla ta' kull Stat Membru[21]. F'dan ir-rigward, huwa ċertament il-każ f'numru ta' Stati Membri li kwistjonijiet rigward id-dixxiplina ta' membri ta' ċerti professjonijiet jiġu deċiżi mill-membri ta' dawk il-professjonijiet stess, u għalhekk minn imħallfin "onorarji". Dan huwa normalment il-każ f'numru ta' professjonijiet "liberali" bħal ma huma tobba, veterinarji, dentisti, periti, spiżjara jew, f'dan il-każ, avukati. Il-benefiċċji ta' għażla istituzzjonali bħal din huma pjuttost ċari: l-għarfien espert meħtieġ fi kwistjonijiet ta' rekwiżiti professjonali u dixxiplina fil-qasam rilevanti u li ħafna drabi jkun kumpless[22].

59. Fil-passat, il-Qorti tal-Ġustizzja ma qagħditx lura milli tirrispondi talbiet għal deċiżjoni preliminari minn dawn il-korpi jekk ikun ġie kkonstatat li r-rekwiżiti tal-Artikolu 267 TFUE ġew issodisfatti. F'ċerti każijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja ma daħlitx f'diskussjoni ddettaljata dwar in-natura tal-korp inkwistjoni, pereżempju, fir-rigward tal-Commissie van Beroep Huisartsgeneeskunde (il-Kumitat tal-Appell għall-Mediċina Ġenerali, il-Pajjiżi l-Baxxi[23]) jew tal-Consiglio Nazionale Forense Taljan (il-Kunsill Nazzjonali tal-Avukatura)[24]. F'każijiet oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet għad-domanda jew domandi preliminari mingħajr ma eżaminat jekk tressqux minn "qorti jew tribunal". Dan ġara, pereżempju, fir-rigward tal-Oberste Berufungs- und Disziplinarkommission für Rechtsanwälte (Bord tal-Appelli u Dixxiplinari għall-Avukati, l-Awstrija[25]), Kamra Dixxiplinari Lokali tad-Dentisti ġewwa Franza[26], jew Kumitat tal-Appelli tal-Assoċjazzjoni tal-Periti ġewwa l-Belġju[27]. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ma qagħditx lura milli tiċħad talba għal deċiżjoni preliminari fejn sabet li l-korp tar-rinviju ma kienx jissodisfa r-rekwiżit ta' indipendenza[28].

60. L-iżjed fattur importanti f'dawn il-każijiet kollha, fir-rigward ta' korpi ġudizzjarji komposti minn "imħallfin onorarji"[29], huwa r-raġuni għalfejn issir l-evalwazzjoni tal-kriterju ta' indipendenza taħt l-Artikolu 267 TFUE. Din l-evalwazzjoni, għalkemm fundamentalment għandha l-istess kriterju ta' indipendenza bħal dispożizzjonijiet oħrajn tad-dritt tal-Unjoni, ma hijiex, għall-kuntrarju tal-Artikolu 47 tal-Karta, pereżempju, ikkonċernata b'identifikazzjoni metikoluża ta' kull ksur individwali ta' drittijiet individwali li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni[30]. L-għan ta' din l-evalwazzjoni taħt l-Artikolu 267 TFUE huwa li jiġu identifikati sħab istituzzjonali xierqa fl-Istati Membri li jistgħu jidħlu fi djalogu mal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiġi żgurata l-interpretazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni. Huwa tabilħaqq sabiex jiġi żgurat

21 Ara, pereżempju, is-sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A.K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 130 u l-ġurisprudenza ċċitata).

22 Jista' jingħad ukoll li l-istess jgħodd ukoll għall-imħallfin infushom u d-dixxiplina ġudizzjarja: numru ta' kumitati dixxiplinari għall-imħallfin fl-Istati Membri huma komposti minn imħallfin, jew esklużivament, jew b'mod predominanti. Jekk wieħed isegwi l-argument tal-Gvern Pollakk għall-konsegwenza (il)loġika tiegħu, dan ifisser ukoll li kumitati dixxiplinari għall-imħallfin ma jistgħux ikunu komposti minn imħallfin (oħra) peress li dawn il-kumitati jkunu komposti mill-kollegi ta' dak li jkun u għaldaqstant ma jkunux indipendenti?

23 Sentenza tas-6 ta' Ottubru 1981, Broekmeulen (246/80, EU:C:1981:218, punti 8 sa 17).

24 Sentenza tas-17 ta' Lulju 2014, Torresi (C-58/13 u C-59/13, EU:C:2014:2088, punti 15 sa 30). Ara wkoll, għalkemm impliċitament, is-sentenza preċedenti tat-30 ta' Novembru 1995, Gebhard (C-55/94, EU:C:1995:411).

25 Sentenza tat-22 ta' Diċembru 2010, Koller (C-118/09, EU:C:2010:805) fil-kuntest ta' tilwima rigward iċ-ċaħda ta' talba relatata ma' ammissjoni għat-test ta' idoneità għall-professjoni ta' avukat.

26 Digriet tat-23 ta' Ottubru 2018, Conseil départemental de l'ordre des chirurgiens-dentistes de la Haute-Garonne (C-296/18, mhux ippubblikat, EU:C:2018:857), fil-kuntest ta' proċeduri dixxiplinari kontra dentist.

27 Sentenza tat-8 ta' April 1992, Bauer (C-166/91, EU:C:1992:184), f'kawża fejn resident Belġjan kien applika mingħajr suċċess biex ikollu ismu mniżżel fuq il-lista ta' tiroċinju ma' Assoċjazzjoni lokali ta' Periti.

28 Ara, pereżempju, id-digriet tat-28 ta' Novembru 2013, Devillers (C-167/13, mhux ippubblikat, EU:C:2013:804).

29 Naturalment mhux limitat għal korpi dixxiplinari biss, iżda anki għal korpi ġudizzjarji oħra. Ara, pereżempju, is-sentenza tat-30 ta' Mejju 2013, F. (C-168/13 PPU, EU:C:2013:358), wara rinviju mill-Conseil constitutionnel (il-Kunsill Kostituzzjonali, Franza) li, matul l-istorja tiegħu, kien magħmul prinċiparjament minn imħallfin onorarji, li ħafna drabi kienu anki jinkludu persuni li ma humiex avukati. Ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Eurobox Promotion *et* (C-357/19 u C-547/19, EU:C:2021:170, punti 215 sa 219).

30 Ara, b'mod dettaljat, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi magħquda WB *et* (C-748/19 sa C-754/19, EU:C:2021:403, punti 161 sa 169).

il-funzjonament xieraq tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollha opportunità li tiddeċiedi dwar kwistjonijiet ta' interpretazzjoni u validità tad-dritt tal-Unjoni li jirriżultaw minn proċedimenti nazzjonali u li jistgħu jaffettwaw l-eżerċizzju ta' drittijiet mogħtija mid-dritt tal-Unjoni [31].

61. F'dan l-isfond, il-Gvern Pollakk ma spjegax, minbarra sempliċi dikjarazzjonijiet astratti bbażati fuq konġetturi, għalfejn it-Tribunal Dixxiplinari ma jissodisfax ir-rekwiżit ta' indipendenza, li huwa integrali għall-kunċett ta' "qorti jew tribunal" fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE. Wara kjarifika mogħtija mit-Tribunal Dixxiplinari, ma jidhirx li dan tal-aħħar ma għandux indipendenza (esterna jew interna) b'mod li ma jkunx kapaċi jadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja b'talba għal deċiżjoni preliminari.

62. Jiena għalhekk tal-fehma li t-Tribunal Dixxiplinari (tal-Avukatura ta' Varsavja) huwa intitolat li jressaq it-tilwima fil-kawża prinċipali quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja taħt l-Artikolu 267 TFUE.

### *B. L-ewwel domanda: id-Direttiva dwar is-servizzi u l-Artikolu 47 tal-Karta*

#### *1. Ammissibbiltà*

63. Għandu jitfakkar mill-bidu nett li skont ġurisprudenza stabbilita, domandi preliminari mressqa minn qorti nazzjonali fil-kuntest fattwali u leġiżlattiv li għalih hija responsabbli dik il-qorti li tiddefinixxi, u li l-eżattezza tiegħu ma huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tiddetermina, igawdu minn *preżunzjoni ta' rilevanza*. Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tirrifjuta li tagħti deċiżjoni dwar domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali fil-każ biss li jkun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni ta' regola tal-Unjoni mitluba ma jkollha ebda rabta mal-fatti jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi meħtieġa sabiex tagħti risposta utli għad-domandi li jkunu sarulha [32].

64. F'dan il-kuntest, kemm il-Prosekutur Nazzjonali kif ukoll il-Gvern Pollakk jikkunsidraw li t-talba preżenti għal deċiżjoni preliminari hija inammissibbli peress li ma hijiex meħtieġa risposta għas-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali. Dawn il-partijiet isostnu li t-tieni u r-raba' domanda huma inammissibbli peress li l-qorti tar-rinviju hija biss ikkonċernata bl-istadju sussegwenti tal-kawża prinċipali, senjatament l-appell ipotetiku fl-Izba Dyscyplinarna Sądu Najwyższego (l-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema). Fir-rigward tal-ewwel domanda, iż-żewġ partijiet ikkonċernati jsostnu li din hija wkoll inammissibbli peress li din id-domanda saret biss għall-finijiet tal-kisba ta' risposta għat-tieni u r-raba' domanda. Barra minn hekk, ebda dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma tapplika għal dan il-każ u għalhekk id-dritt tal-Unjoni ma huwa ta' ebda utilità għal R.G.

65. Jiena ma naqbilx. Fil-fehma tiegħi, l-ewwel domanda hija kjarament ammissibbli.

66. L-ewwel nett, fuq livell kunċettwali, ma nistax naqbel mal-"inammissibbiltà b'assoċjazzjoni" li effettivament qiegħda tiġi ssuġġerita mill-Prosekutur Nazzjonali u mill-Gvern Pollakk. Fil-passat, il-Qorti tal-Ġustizzja tradizzjonalment ittrattat kull domanda mressqa mill-qrati tar-rinviju b'mod

[31] Ara, f'dan is-sens, pereżempju, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 1981, Broekmeulen (246/80, EU:C:1981:218, punt 16).

[32] Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-10 ta' Diċembru 2018, Wightman *et* (C-621/18, EU:C:2018:999, punti 26 u 27), u tad-9 ta' Lulju 2020, Verein für Konsumenteninformation (C-343/19, EU:C:2020:534, punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata).

indipendenti, ċertament sa fejn tali domandi jistgħu jiġu ddissoċjati b'mod loġiku. Kull domanda hija eżaminata b'mod separat fir-rigward tal-merti tagħha stess, li ħafna drabi jwassal (kif jiġri ta' spiss fil-ġurisprudenza) għal sitwazzjoni fejn jingħataw risposti għal ċerti domandi filwaqt li oħrajn jiġu ddikjarati inammissibbli fl-istess proċedura. Ma hemm ebda (in)ammissibbiltà minħabba domanda oħra.

67. It-tieni, il-ġurisprudenza tħaddan approċċ għal ammissibbiltà li huwa pjuttost ġeneruż[33]. Fir-rigward tat-tqassim ta' rwoli bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, ma huwiex ir-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja li tivverifika l-motivi ulterjuri ta' qorti nazzjonali. Huwa saħansitra ħafna inqas xieraq li effettivament jiġi implikat li qorti nazzjonali aġixxiet *in mala fide* u, abbażi ta' din il-konġettura, tirrifjuta li tagħti risposta għad-domanda preliminari.

68. It-tielet, fir-rigward tal-kontenut tal-ewwel domanda għall-finijiet ta' ammissibbiltà, hemm rabta suffiċjenti bejn il-fatti ta' din il-kawża u d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni, minn naħa, *u* d-Direttiva dwar is-Servizzi, min-naħa l-oħra – li l-interpretazzjoni tagħha qiegħda tintalab mill-qorti tar-rinviju. Ma jistax jingħad li l-ewwel domanda qiegħda titlob interpretazzjoni li b'mod manifest ma għandha ebda relazzjoni mal-fatti jew mal-għan tal-kawża prinċipali. Fi kliem ieħor, l-ewwel domanda hija marbuta b'mod sostantiv ma' strument tad-dritt tal-Unjoni li huwa identifikat b'mod ċar u li l-interpretazzjoni tiegħu qiegħda tintalab mill-qorti tar-rinviju[34].

69. Ir-raba', jekk ir-rikorrent fil-kawża prinċipali jkunx jista' jgawdi benefiċċju effettiv mir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja, ladarba tingħata deċiżjoni finali fuq il-mertu mill-qorti tar-rinviju, ma huwiex rilevanti għall-finijiet ta' ammissibbiltà[35]. Li l-ammissibbiltà tiġi magħmula dipendenti fuq ċertu tweġiba fuq il-mertu jfisser li l-karrettun proverbjali jkun qiegħed jitqiegħed qabel iż-żiemel[36].

70. Fil-qosor, ċertament ma jidhirlix li r-risposta għall-ewwel domanda mressqa mil-qorti tar-rinviju rigward id-Direttiva dwar is-Servizzi ma hija ta' ebda rilevanza għad-deċiżjoni li għandha tingħata mill-qorti tar-rinviju fil-kawża prinċipali. Dan ifisser, mingħajr preġudizzju għall-evalwazzjoni eventwali rigward l-ammissibbiltà tat-tieni, it-tielet, u r-raba' domanda, li l-ewwel domanda hija ammissibbli.

### *2. L-applikabbiltà tad-Direttiva dwar is-Servizzi*

71. Permezz tal-ewwel parti tal-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk id-Direttiva dwar is-Servizzi, b'mod partikolari minħabba l-Artikolu 10(6) tagħha, hijiex applikabbli għall-proċeduri rigward responsabbiltà dixxiplinari ta' avukat li fl-aħħar mill-aħħar jistgħu jwasslu għal deċiżjoni bħal ma hija dik li tirriżulta fit-tkeċċija tiegħu jew tagħha mill-avukatura. Fl-eventwalità li tingħata risposta fl-affermattiv, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, fit-tieni parti tad-domanda tagħha, jekk il-Karta, inkluż l-Artikolu 47 tagħha, tapplikax għax tali proċeduri quddiem il-qrati tal-Kamra tal-Avukati.

[33] Ara, għal eżempju iktar reċenti, is-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2019, Blaise *et* (C-616/17, EU:C:2019:800, punti 31 sa 39).

[34] Ara s-sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, Miasto Łowicz u Prokurator Generalny (C-558/18 u C-563/18, EU:C:2020:234, punt 49). Ara wkoll id-digriet tas-6 ta' Ottubru 2020, Prokuratura Rejonowa w Słubicach (C-623/18, EU:C:2020:800).

[35] Ara, pereżempju, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Ġunju 2010, Blanco Pérez u Chao Gómez (C-570/07 u C-571/07, EU:C:2010:300, punti 38 sa 40).

[36] Ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Bundesrepublik Deutschland (Avviż aħmar ta' Interpol) (C-505/19, EU:C:2020:939, punt 34).

72. Fil-fehma tiegħi, ir-risposta għaż-żewġ partijiet ta’ din id-domanda għandha tkun fl-affermattiv. Sabiex nispjega għalfejn nemmen hekk, ser neżamina l-kampijiet ta’ applikazzjoni rispettivi tad-Direttiva dwar is-Servizzi u tad-Direttiva 98/5/KE[37] (a), qabel ma ndur għall-applikabbiltà tad-Direttiva dwar is-Servizzi għal servizzi legali u, b’mod partikolari, għal proċedimenti dixxiplinari kontra avukati (b).

*a) Il-kampijiet ta’ applikazzjoni rispettivi tad-Direttiva dwar is-servizzi u tad-Direttiva 98/5*

73. Skont il-Gvern Pollakk, id-dritt tal-Unjoni ma japplikax għal dan il-każ. B’mod partikolari, id-Direttiva dwar is-Servizzi ma hijiex applikabbli għaliex id-Direttiva 98/5 sservi bħala *lex specialis* u din il-*lex specialis* ma hijiex applikabbli b’mod materjali għall-każ.

74. Jiena ma naqbilx.

75. Skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva dwar is-Servizzi, “[j]ekk id-dispożizzjonijiet ta’ din id-Direttiva jmorru kontra dispożizzjoni ta’ att Komunitarju ieħor li jirregola aspetti speċifiċi ta’ aċċess għal jew l-eżerċizzju ta’ attività ta’ servizz fis-setturi speċifiċi jew għal professjonijiet speċifiċi, id-dispożizzjoni ta’ l-att Komunitarju l-ieħor jipprevalu u għandhom japplikaw f’dawk is-setturi jew professjonijiet speċifiċi”. L-Artikolu 3(1) isemmi wkoll erba’ atti sekondarji tal-Unjoni bħal dawn[38]. Għalkemm id-Direttiva 98/5 ma hijiex waħda minnhom, il-lista ta’ atti msemmija hemmhekk ma hijiex eżawrjenti[39].

76. Tabilħaqq, fir-rigward tal-kontenut tagħha, id-Direttiva 98/5 tirregola r-regoli ta’ kondotta professjonali (l-Artikolu 6) u l-proċedimenti dixxiplinari (l-Artikolu 7) ta’ avukati li jipprattikaw fi Stat Membru li ma huwiex dak li fih kisbu l-kwalifika professjonali tagħhom. B’mod partikolari, l-Artikolu 7 jirregola s-setgħat u obbligi dixxiplinari rispettivi tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat ospitanti u tal-Istat ta’ oriġini. L-Artikolu 9 tad-Direttiva jeħtieġ li deċiżjonijiet għall-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni ta’ avukat u deċiżjonijiet li jimponu miżuri dixxiplinari għandhom jistqarru r-raġunijiet li fuqhom ikunu bbażati. Barra minn hekk, għandu jkun hemm rimedju kontra dawn id-deċiżjonijiet quddiem qorti jew tribunal skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi domestika.

77. Madankollu, minbarra dan, għadni konfuż bl-argument imressaq mill-Gvern Pollakk. Qiegħed insib diffikultà biex nifhem kif *lex specialis*, senjatament id-Direttiva 98/5, li kjarament ma hijiex applikabbli għal avukat domestiku, tista’ tipprevjeni l-applikazzjoni ta’ *lex generalis*, jiġifieri d-Direttiva dwar is-servizzi, li hija kjarament applikabbli, kemm *ratione personae* kif ukoll *ratione materiae*.

[37] Direttiva 98/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Frar 1998 sabiex tkun iffaċilitata l-prattika tal-professjoni ta’ avukat fuq bażi permanenti fl-Istati Membri minbarra dak fejn kienet miksuba l-kwalifikazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 3, p. 83).

[38] Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta’ ħaddiema fil-qafas ta’ prestazzjoni ta’ servizzi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 431, rettifika fil-ĠU 2015 L 16, p. 66); Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 tal-14 ta’ Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni ta’ l-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 35); Direttiva tal-Kunsill tat-3 ta’ Ottubru 1989 dwar il-koordinazzjoni ta’ ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b’regolament jew b’azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar it-twettiq ta’ attivitajiet ta’ xandir bit-televiżjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 224); u Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta’ Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta’ Kwalifiki Professjonali (ĠU 2005 L 255, p. 22, rettifiki fil-ĠU 2007 L 271, p. 18, fil-ĠU 2008 L 93, p. 28, u fil-ĠU 2014 L 305, p. 115).

[39] Kif indikat mill-kliem “dawn jinkludu” użati fl-Artikolu 3 tad-Direttiva dwar is-Servizzi, u mill-iskop globali ta’ dik id-dispożizzjoni.

78. L-ewwel nett, il-Kapitolu III tad-Direttiva dwar is-Servizzi, li jikkonċerna l-libertà għall-istabbiliment, japplika għal sitwazzjonijiet purament interni, u għalhekk għall-provvista ta' servizzi legali minn avukati li ma jkunux eżerċitaw il-moviment liberu[40]. Għalhekk, awtomatikament, sa fejn huwa applikabbli wkoll għal servizzi legali, il-Kapitolu III tad-Direttiva dwar is-Servizzi japplika għall-avukati *kollha*, irrispettivament minn jekk humiex, skont il-kwalifiki tagħhom, avukati "purament domestiċi" jew "transkonfinali".

79. It-tieni nett, speċifikament rigward *avukati barranin*, id-Direttiva dwar is-Servizzi tkun awtomatikament applikabbli *biss sa fejn* id-dispożizzjonijiet ġenerali tagħha ma ġewx issostitwiti, konformement mal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva dwar is-Servizzi, minn dispożizzjoni speċifika tad-Direttiva 98/5. Madankollu, anki fir-rigward ta' avukati barranin, huwa dubjuż kemm id-Direttiva 98/5 tipprovdi mod ieħor fir-rigward tal-garanziji speċifiċi tal-Artikoli 9 u 10 tad-Direttiva dwar is-Servizzi[41].

80. It-tielet nett, għalkemm huwa fil-kompitu tal-qorti tar-rinviju li tivverifika dan, ma jidhirx li R.G. huwa avukat barrani, fis-sens tad-Direttiva 98/5[42]. Bħala *avukat domestiku*, id-Direttiva dwar is-Servizzi tkun tapplika għalih fi kwalunkwe każ, filwaqt li d-Direttiva 98/5 ma tkun b'ebda mod rilevanti għall-kawża preżenti.

81. Fil-qosor, fiż-żewġ każijiet, id-Direttiva 98/5 sempliċement ma tipprovdix mod ieħor. Ma jidher li hemm ebda kunflitt viżibbli ma' xi dispożizzjoni speċifika tad-dritt tal-Unjoni li tirregola l-kwistjoni għall-finijiet tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva dwar is-Servizzi.

### *b) Id-Direttiva dwar is-Servizzi u l-proċedimenti dixxiplinari kontra avukati*

82. Il-partijiet ikkonċernati kollha, kif ukoll il-qorti tar-rinviju, jaqblu li d-Direttiva dwar is-Servizzi hija applikabbli għal servizzi legali u li reġistrazzjoni mal-Kamra tal-Avukati sabiex wieħed jitħalla jipprattika tikkostitwixxi skema ta' awtorizzazzjoni fis-sens ta' din id-direttiva. Dan premess, ma hemmx qbil dwar jekk proċedimenti dixxiplinari jikkostitwixxux parti minn tali skema ta' awtorizzazzjoni. Filwaqt li l-qorti tar-rinviju u l-Kummissjoni huma tal-fehma li jikkostitwixxu parti minn tali skema, il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi u dak Pollakk ma jaqblux.

83. L-Artikolu 2 tad-Direttiva dwar is-Servizzi, li jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-Direttiva, jiddikjara li l-provvista ta' pariri legali taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. Tabilħaqq, ma hemmx dubju li r-rappreżentanza legali hija tip speċifiku ta' servizz li, minħabba l-importanza tagħha fl-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, tiġi pprovduta minn professjoni rregolata mill-qrib u li hija suġġetta għal regoli deontoloġiċi speċifiċi[43]. Xorta jibqa' l-fatt li, għalkemm suġġetta għal regoli speċifiċi r-rappreżentanza legali hija servizz taħt id-Direttiva dwar is-Servizzi.

[40] Sentenza tat-30 ta' Jannar 2018, X u Visser (C-360/15 u C-31/16, EU:C:2018:44, punt 110).

[41] Ara, b'mod partikolari u f'dan is-sens, l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva dwar is-Servizzi rigward skemi ta' awtorizzazzjoni: "din is-sezzjoni *m'għandhiex* tapplika għal *dawk l-aspetti* ta' skemi ta' awtorizzazzjoni li huma *regolati direttament jew indirettament minn strumenti Komunitarji oħrajn*" (enfasi tiegħi), li jindika li ma tapplikax għal aspetti *oħra* ta' skemi ta' awtorizzazzjoni. Ara wkoll is-sentenza tas-7 ta' Mejju 2019, Monachos Eirinaios (C-431/17, EU:C:2019:368, punti 30 u 31), li tiddistingwi bejn ir-reġistrazzjoni (armonizzata) ta' avukati barranin u l-eżerċizzju (mhux armonizzat) tal-attività fil-kuntest tad-Direttiva 98/5.

[42] Kif jindika wkoll, fl-aħħar parti tal-ewwel domanda mressqa mill-qorti tar-rinviju, ir-riferiment għal "każijiet fejn l-elementi kollha rilevanti jseħħu fi ħdan Stat Membru wieħed".

[43] Ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawżi magħquda Uniwersytet Wrocławski u Il-Polonja vs REA (C-515/17 P u C-561/17 P, EU:C:2019:774, punti 103 u 104).

84. Skont l-Artikolu 9(1), l-Istati Membri ma għandhomx jissoġġettaw l-aċċess għal attività ta' servizz jew l-eżerċizzju tagħha għal skema ta' awtorizzazzjoni *sakemm*: (a) dik l-iskema ma tiddiskriminax kontra l-fornitur ikkonċernat; (b) il-ħtieġa għal tali skema hija ġġustifikata minn raġuni iktar importanti li għandha x'taqsam mal-interess pubbliku; (ċ) l-għan li għandu jintlaħaq ma jistax jinkiseb b'mezzi inqas ristrettivi.

85. Bi qbil mal-partijiet ikkonċernati kollha, ma hemmx dubju li regoli relatati ma' reġistrazzjoni mal-Kamra tal-Avukati jiffurmaw parti minn skema ta' awtorizzazzjoni fis-sens tad-Direttiva dwar is-Servizzi peress li dawn ir-regoli jikkonċernaw l-*aċċess* innifsu għall-professjoni bħala avukat[44].

86. Madankollu, proċedimenti dixxiplinari kontra avukat għandhom ukoll jitqiesu bħala element ieħor ta' din l-iskema ta' awtorizzazzjoni?

87. Skont il-qorti tar-rinviju u l-Kummissjoni, proċeduri dixxiplinari kontra avukat irreġistrat huma wkoll parti mill-iskema peress li, b'konsegwenza ta' dawn il-proċeduri, avukati jistgħu jiġu sospiżi, jew imkeċċija, jew ipprojbiti milli jerġgħu jirreġistraw għal għaxar snin. Tali miżuri jikkostitwixxu rtirar ta' awtorizzazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 10(6) tad-Direttiva dwar is-Servizzi.

88. Għall-kuntrarju, skont il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi u dak Pollakk, il-proċedura dixxiplinari, meta meħuda waħedha, ma hijiex "skema ta' awtorizzazzjoni" fis-sens tad-Direttiva dwar is-Servizzi, u lanqas ma hija parti mill-iskema ta' awtorizzazzjoni. Għalkemm sanzjoni dixxiplinari tista' eventwalment tfisser li jkun impossibbli li jibqa' jiġi pprovdut is-servizz, din ma tammontax għal ċaħda jew irtirar tal-awtorizzazzjoni. Fi kwalunkwe każ, l-Artikolu 10(6) tad-Direttiva dwar is-Servizzi ma huwiex applikabbli fil-kawża prinċipali peress li t-tilwima preżenti tikkonċerna d-deċiżjoni tal-Aġent Dixxiplinari li jwaqqaf il-proċeduri, mhux deċiżjoni li jimponi sanzjoni dixxiplinari. B'konsegwenza ta' dan, ebda deċiżjoni ta' sospensjoni jew tkeċċija ta' avukat ma tista' tiġi adottata f'dawn il-proċeduri. Barra minn hekk, skont il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, b'mod ġenerali regoli dixxiplinari ma jistgħux jiġu kkaratterizzati bħala "rekwiżiti" fis-sens tal-Artikolu 4(7) tad-Direttiva dwar is-Servizzi.

89. Jiena naqbel mal-qorti tar-rinviju u mal-Kummissjoni.

90. Huwa minnu li d-Direttiva dwar is-Servizzi ma fihiex xi dispożizzjoni speċifika rigward regoli jew proċeduri dixxiplinari. Dan bilkemm huwa sorprendenti peress li d-Direttiva dwar is-Servizzi (b'mod partikolari l-Kapitolu III, iżda mhux dan il-kapitolu biss) tapplika orizzontalment, u għalhekk hija redatta fil-biċċa l-kbira tagħha f'termini ġenerali u astratti, u tfittex li tissalvagwardja l-libertà tal-istabbiliment għal fornituri u l-provvista libera ta' sensiela vasta ta' servizzi.

91. Naqbel li proċeduri dixxiplinari kontra avukat, meħuda waħedhom, bilkemm jistgħu jammontaw għal skema ta' awtorizzazzjoni taħt id-Direttiva dwar is-Servizzi. Madankollu, ma nifhimx ukoll il-loġika dwar għalfejn tali proċeduri evalwati fil-kuntest tad-Direttiva dwar is-Servizzi għandhom qatt jitqiesu bħala skema separata. Minflok, mill-perspettiva tad-Direttiva dwar is-Servizzi, tali proċeduri huma kjarament parti minn pakkett ta' regoli rigward aċċess, eżerċizzju, u fl-aħħar mill-aħħar il-waqfien sfurzat tal-provvista ta' servizzi.

44 Kif imfisser fl-Artikolu 4(6), moqri fid-dawl tal-premessa 49, tad-Direttiva dwar is-servizzi.

92. Taħt id-Direttiva dwar is-Servizzi, l-Istati Membri la għandhom jimpedixxu l-aċċess għal attività koperta mid-Direttiva dwar is-Servizzi, u lanqas l-eżerċizzju tagħha. Għalkemm id-Direttiva dwar is-Servizzi għandha tendenza li tiffoka fuq l-aċċess, din fiha diversi dispożizzjonijiet li jikkonċernaw kemm l-aċċess kif ukoll l-eżerċizzju[45], jew sempliċement l-eżerċizzju tal-libertà ta' stabbiliment[46]. Proċeduri dixxiplinari għandhom l-għan, sa ċertu punt, li jiżguraw il-kwalità tal-eżerċizzju tal-provvista ta' pariri legali. F'din id-dimensjoni, jistgħu tabilħaqq jitqiesu bħala element wieħed mill-iskema usa' li jiġi rregolat l-aċċess għal u l-eżerċizzju ta' dan it-tip ta' servizz. Dan ikun ifisser li regoli dixxiplinari u l-applikazzjoni tagħhom fil-kuntest ta' proċeduri speċifiċi għandhom jiġu "ssorveljati" bis-saħħa tad-Direttiva dwar is-Servizzi sabiex jiġi żgurat li jikkonformaw mal-Artikolu 10(2) tagħha rigward skemi ta' awtorizzazzjoni.

93. Madankollu, fil-fehma tiegħi, il-formulazzjoni tal-Artikolu 10(6) tad-Direttiva dwar is-Servizzi tneħħi kwalunkwe dubju dwar jekk deċiżjonijiet li effettivament "jitterminaw" l-aċċess u l-eżerċizzju ta' tip ta' servizz speċifiku humiex inklużi jew le. Dan jistipula li: "Ħlief fil-każ ta' l-għoti ta' awtorizzazzjoni, *kwalunkwe* deċiżjoni mill-awtoritajiet kompetenti, inklużi ċaħda jew *irtirar* ta' awtorizzazzjoni, għandha tinkludi r-raġunijiet kollha u għandha tkun miftuħa għal sfida quddiem il-qrati jew istanzi oħrajn ta' appell"[47].

94. Fil-kuntest ta' din il-formulazzjoni, u tal-loġika tad-Direttiva dwar is-Servizzi, ma narax kif wieħed jista' jsostni b'mod raġonevoli li deċiżjoni li tneħħi lil avukat mir-reġistru ma tammontax għal irtirar tal-awtorizzazzjoni biex dan jipprattika u, għalhekk, biex jipprovdi servizzi legali. Irtirar ta' awtorizzazzjoni diġà mogħtija hija sempliċement revoka tal-aċċess diġà mogħti. Din id-dispożizzjoni fformulata b'mod wiesa' mhux biss tissuġġerixxi li kwalunkwe deċiżjoni (sfavorevoli) rigward l-aċċess jew l-eżerċizzju ta' servizz hija koperta mid-Direttiva dwar is-Servizzi, iżda wkoll li għandha tkun miftuħa għal sfida.

95. Din il-konklużjoni ma hijiex mibdula bir-riferiment magħmul mill-Gvern Pollakk għall-Artikolu 1(5) tad-Direttiva dwar is-Servizzi, li jiddikjara li din id-direttiva "ma taffettwax ir-regoli tal-liġi kriminali ta' l-Istati Membri". Proċedimenti dixxiplinari ma humiex fihom infushom identiċi għal-liġi kriminali u proċedura kriminali. Barra minn hekk, anki li kieku kienu, *quod non*, l-Artikolu 1(5) jispeċifika li "l-Istati Membri ma jistgħux jirrestrinġu l-libertà fil-provvista ta' servizzi billi japplikaw dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali li jirregolaw jew jaffettwaw speċifikament l-aċċess għal jew l-eżerċizzju ta' attività ta' servizz b'elużjoni tar-regoli stabbiliti f'din id-Direttiva"[48].

96. B'mod simili, ma nara ebda eżitu fl-argument imressaq mill-Gvern Pollakk, li skontu ebda deċiżjoni li tneħħi lil R.G. mill-Kamra tal-Avukati għadha ma ġiet imposta fuq R.G., u li effettivament ma tistax tiġi imposta fil-proċeduri speċifiċi li jikkonċernaw l-istħarriġ tad-deċiżjoni mill-Aġent Dixxiplinari li ma jsegwix reat allegatament dixxiplinari.

97. F'dan ir-rigward, jeħtieġ sempliċement li jingħad li l-kamp ta' applikazzjoni normattiv ta' strument tad-dritt tal-Unjoni ma jistax jiġi definit *ex post facto* b'mod li jiddependi fuq l-eżitu, bil-każ jaqa' 'l ġewwa jew 'il barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni skont jekk

[45] Pereżempju, l-Artikoli 3(1), 5(1), 6(1)(b), 8(1), 9(1), 10(4), 14(1), 15(2) tad-Direttiva dwar is-Servizzi.

[46] Diġà fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva dwar is-Servizzi.

[47] Enfasi tiegħi.

[48] Ara, pereżempju, is-sentenza tal-4 ta' Lulju 2019, Kirschstein (C-393/17, EU:C:2019:563, punti 61 sa 63). Ara wkoll, għalkemm mhux vinkolanti, *Manwal dwar l-implimentazzjoni tad-direttiva dwar is-servizzi* (p. 15).

persuna eventwalment tinstabx ħatja jew tiġix illiberata [49]. B'mod ġenerali, il-fatt li ċertu proċeduri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni *rationae materiae* ta' strument tad-dritt tal-Unjoni huwa biżżejjed għat-totalità ta' dawn il-proċeduri, irrispettivament mill-eżitu aħħari jew l-istadju li fih jingħalqu, sabiex jaqgħu wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

98. Fil-qosor, b'risposta għall-ewwel parti tal-ewwel domanda, il-Kapitolu III tad-Direttiva dwar is-Servizzi japplika wkoll, bħala parti minn skema ta' awtorizzazzjoni li tirregola l-eżerċizzju tal-attività ta' avukati, għal proċeduri dixxiplinari mibdija kontra avukati, li r-riżultat tagħhom jista' jaffettwa l-kapaċità kontinwa ta' dawn l-avukati li jipprovdu servizzi legali taħt id-Direttiva dwar is-Servizzi.

### *3. L-Artikolu 47 tal-Karta*

99. Ir-risposta għat-tieni parti tal-ewwel domanda, li tistaqsi dwar l-applikabbiltà tal-Karta, b'mod partikolari tal-Artikolu 47, għall-proċeduri quddiem il-qorti tar-rinviju, hija pjuttost sempliċi.

100. Hija ġurisprudenza stabbilita li drittijiet fundamentali żgurati fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni Ewropea huma applikabbli fis-sitwazzjonijiet kollha rregolati mid-dritt tal-Unjoni. Jekk leġiżlazzjoni nazzjonali taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, meta mitluba tagħti deċiżjoni preliminari, għandha tipprovdi l-elementi kollha ta' interpretazzjoni meħtieġa għall-evalwazzjoni mill-qorti nazzjonali tal-kompatibbiltà ta' din il-leġiżlazzjoni mad-drittijiet fundamentali, li l-osservanza tagħhom hija żgurata mill-Qorti ta-Ġustizzja [50].

101. Għalhekk, ladarba d-Direttiva dwar is-Servizzi hija applikabbli, il-Karta, inkluż l-Artikolu 47, bħal prinċipju hija wkoll applikabbli għall-każ. Dan ifisser li l-qorti tar-rinviju għandha tapplika l-Artikolu 47 tal-Karta fil-proċeduri pendenti quddiemha.

102. Madankollu, kif sostnew il-Prosekutur Nazzjonali u l-Gvern Pollakk fis-sottomissjonijiet tagħhom rigward ammissibbiltà, huwa tabilħaqq mhux għal kollox ċar eżattament liema dritt individwali li jirriżulta mid-dritt tal-Unjoni jista' jkun *speċifikament* inkwistjoni fil-kawża pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju. Tabilħaqq, filwaqt li l-eżitu prospettiv fil-kawża prinċipali jista' eventwalment ikollu effetti detrimentali fuq il-pożizzjoni legali ta' R.G. (billi jkun issuġġettat għal proċeduri dixxiplinari b'riżultat ta' dan), ġie rrilevat li R.G. għadu ma huwiex parti fil-kawża prinċipali. Il-kawża quddiem il-qorti tar-rinviju tidher li hija bejn l-Aġent Dixxiplinari, fuq naħa, u l-Prosekutur Nazzjonali u l-Ministru għall-Ġustizzja fuq in-naħa l-oħra [51]. Għalhekk tabilħaqq ma huwiex immedjatament ovvju liema minn dawn (jidher li huma entitajiet tad-dritt pubbliku) ikun mogħni bid-drittijiet fundamentali taħt il-Karta fil-kawża prinċipali.

103. Minkejja dan, anki jekk l-Artikolu 47 tal-Karta ma kienx applikabbli quddiem il-qorti tar-rinviju minħabba l-assenza ta' xi impatt fuq dritt individwali speċifiku ggarantit taħt il-Karta, liema fatt għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, l-Artikolu 19(1) TUE, li l-kontenut tiegħu

[49] Ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawżi magħquda Ministerul Public – Parchetul de pe lângă Înalta Curte de Casație și Justiție – Direcția Națională Anticorupție *et* (C-357/19 u C-547/19, EU:C:2021:170, punti 109 sa 115), rigward l-istess argument imressaq fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 325(1) TFUE.

[50] Ara, pereżempju, is-sentenzi tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson (C-617/10, EU:C:2013:105, punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata); tas-16 ta' Mejju 2017, Berlioz Investment Fund (C-682/15, EU:C:2017:373, punti 49 u 50); u tas-16 ta' Ottubru 2019, Glencore Agriculture Hungary (C-189/18, EU:C:2019:861, punti 59 u 60).

[51] Ara wkoll il-punt 42 ta' dawn il-konklużjonijiet iktar 'il fuq.

huwa essenzjalment identiku għall-Artikolu 47 tal-Karta[52], ikun japplika xorta waħda[53]. Għall-kuntrarju tal-Artikolu 47 tal-Karta, huwa tabilħaqq biżżejjed, sabiex ikun applikabbli l-Artikolu 19(1) TUE, li qorti nazzjonali *tista' tissejjaħ* tiddeċiedi dwar kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni jew mal-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni[54].

104. Ma hemmx dubju li, anki fid-dawl tal-konklużjoni preċedenti relatata mal-applikabbiltà tad-Direttiva dwar is-Servizzi għall-proċedura quddiem it-Tribunal Dixxiplinari b'mod ġenerali, il-qorti tar-rinviju tista' wkoll tissejjaħ biex tiddeċiedi dwar id-dritt tal-Unjoni f'dan ir-rigward.

### *C. It-tieni sar-raba' domanda: is-setgħat ta' qrati nazzjonali li jiżguraw konformità mad-dritt tal-Unjoni*

105. Permezz tat-tieni domanda, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk għandhiex twarrab id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jistabbilixxu l-ġurisdizzjoni tal-organu (senjatament l-Izba Dyscyplinarna Sądu Najwyższego (l-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema)) li huwa kompetenti li jisma' appell ta' kassazzjoni kontra deċiżjoni tal-istess qorti tar-rinviju (jew ilment kontra ordni li tiċħad l-ammissibbiltà ta' tali appell ta' kassazzjoni) meta dan l-organu ma huwiex indipendenti u imparzjali fis-sens tal-Artikolu 47 tal-Karta. Ikun imbagħad l-obbligu tal-qorti tar-rinviju li tirreferi tali appelli ta' kassazzjoni lil istanza ġudizzjarja li kellha ġurisdizzjoni qabel (senjatament, l-Izba Karna Sądu Najwyższego (l-Awla Kriminali tal-Qorti Suprema))?

106. Permezz tat-tielet domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi b'mod iżjed speċifiku jekk tistax (jew għandhiex) twarrab il-pożizzjoni legali espressa mill-Izba Dyscyplinarna Sądu Najwyższego (l-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema)) rigward id-dritt ta' appell ta' kassazzjoni tal-Prosekutur Ġenerali (li fl-istess waqt huwa l-Ministru għall-Ġustizzja) u l-Ombudsman.

107. Permezz tar-raba' domanda, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk għandhiex tinjora l-appell ippreżentat mill-Ministru għall-Ġustizzja (li fl-istess waqt huwa l-Prosekutur Ġenerali) jekk dan huwa l-uniku mod kif tkun ċerta li l-proċedura pendenti quddiemha hija kompatibbli mal-Artikolu 47 tal-Karta. Il-qorti tar-rinviju tindika r-riskju li, anki jekk jitwettqu l-miżuri msemmija fit-tieni u t-tielet domanda, l-appell ta' kassazzjoni potenzjali ppreżentata mill-Prosekutur Ġenerali (li fl-istess waqt huwa l-Ministru għall-Ġustizzja) xorta tista' tispiċċa tinstema' mill-Izba Dyscyplinarna Sądu Najwyższego (l-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema).

108. Ammont kunsiderevoli ta' informazzjoni huwa meħtieġ sabiex wieħed japprezza b'mod sħiħ il-portata tat-tieni, it-tielet u r-raba' domanda. Għaldaqstant, fit-taqsimiet li ġejjin, sejjer nibda billi niddeskrivi l-kuntest u l-bidliet reċenti magħmula fid-dritt u l-proċedura nazzjonali (1), qabel ma neżamina l-ammissibbiltà ta' dawn id-domandi (2). Wara li nkun irriformulajt dawn id-domandi, ser nagħlaq billi nfakkar fis-setgħat tal-qrati nazzjonali li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni u li jiżguraw protezzjoni ġudizzjarja effettiva ta' drittijiet li joriġinaw mid-dritt tal-Unjoni fil-livell nazzjonali (3).

52 Ara, pereżempju, is-sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, A.B. *et* (Ħatra ta' mħallfin għall-Qorti Suprema – Azzjonijiet) (C-824/18, EU:C:2021:153, punti 115 u 116).

53 Rigward ir-relazzjoni u l-kampijiet ta' applikazzjoni rispettivi tal-Artikolu 19(1) TUE u tal-Artikolu 47 tal-Karta, ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi magħquda WB *et* (C-748/19 sa C-754/19, EU:C:2021:403, punti 161 sa 169).

54 Ara, pereżempju, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18, EU:C:2019:531, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata).

*1. L-isfond leġiżlattiv u ġudizzjarju nazzjonali*

109. Hemm tliet elementi tal-kuntest legali nazzjonali, kif ippreżentati mill-qorti tar-rinviju, li għandhom jiġu enfasizzati.

110. L-ewwel nett, il-qorti nazzjonali tfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà tat deċiżjoni fuq il-kwistjoni dwar jekk l-Izba Dyscyplinarna Sądu Najwyższego (l-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) hijiex qorti indipendenti u imparzjali għall-finijiet tal-Artikolu 47 tal-Karta[55]. B'riferiment għal din is-sentenza, is-Sąd Najwyższy (Izba Pracy i Ubezpieczeń Społecznych) (il-Qorti Suprema (Sezzjoni Industrijali u tas-Sigurtà Soċjali), il-Polonja) iddeċidiet fil-5 ta' Diċembru 2019 li l-Izba Dyscyplinarna Sądu Najwyższego (l-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) ma kinitx qorti indipendenti u imparzjali għall-finijiet tal-Artikolu 47 tal-Karta[56]. Wieħed mill-fatturi li wassal lill-Qorti Suprema għal din il-konklużjoni kien l-influwenza tal-eżekuttiv u, b'mod partikolari, dik tal-Ministru għall-Ġustizzja fuq il-kompożizzjoni ta' dak l-organu.

111. It-tieni, sa fejn huwa kkonċernat ir-rwol tal-Prosekutur Ġenerali/Ministru għall-Ġustizzja[57]), il-qorti tar-rinviju tirrileva li r-rwol tiegħu fil-proċeduri dixxiplinari kontra l-membri tal-Kamra tal-Avukati ġie reċentement estiż, wara interpretazzjoni kontroversjali tad-dritt nazzjonali mill-Izba Dyscyplinarna Sądu Najwyższego (l-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema).

112. Skont il-qorti tar-rinviju, fil-ġurisprudenza tal-Izba Karna Sądu Najwyższego (l-Awla Kriminali tal-Qorti Suprema), u anki fil-letteratura legali, il-pożizzjoni inekwivokabbilment sostnuta sa reċentement kienet univokali kienet li la l-Prokurator Generalny (il-Prosekutur Ġenerali), u lanqas ix-Rzecznik Praw Obywatelskich (l-Ombudsman) ma kellhom dritt, taħt l-Artikolu 521 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali flimkien mal-Artikolu 95n(1) tal-Liġi dwar l-Avukatura, li jippreżentaw appell ta' kassazzjoni kontra deċiżjonijiet tat-Tribunali Dixxiplinari tal-Kmamar tal-Avukati li jikkonfermaw deċiżjoni tal-Aġent Dixxiplinari li jirrifjuta li jibda investigazzjoni dixxiplinari jew li jwaqqaf tali investigazzjoni. Din il-fehma hija kompletament kondiviża mill-qorti tar-rinviju.

113. Madankollu, il-qorti tar-rinviju tirrimarka wkoll li ġiet adottata pożizzjoni dijametrikament opposta fir-riżoluzzjoni tas-27 ta' Novembru 2019 ta' kulleġġ ta' seba' imħallfin tal-Izba Dyscyplinarna Sądu Najwyższego (l-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema)[58]. Skont din il-pożizzjoni, l-Artikolu 521 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali japplika fi proċeduri dixxiplinari tal-Kamra ta-Avukati u għalhekk il-Prosekutur Ġenerali jista' jippreżenta appell ta' kassazzjoni kontra deċiżjoni tat-Tribunal Dixxiplinari tal-Avukatura li tikkonferma deċiżjoni tal-Aġent Dixxiplinari li jwaqqaf investigazzjoni dixxiplinari.

114. Jidher li din is-soluzzjoni ġiet adottata f'kawża differenti, għalkemm li tikkonċerna lill-istess avukat, R.G., li fiha l-Aġent Dixxiplinari kien waqqaf investigazzjoni dixxiplinari u fejn il-Ministru għall-Ġustizzja u l-Prosekutur Nazzjonali kienu wkoll ippreżentaw appell kontra d-deċiżjoni

[55] Sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A.K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982).

[56] Deċiżjoni Nru III PO 7/18.

[57] Meta wieħed jieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li fil-Polonja, l-uffiċċju tal-Ministru għall-Ġustizzja ngħaqad ma' dak tal-Prosekutur Ġenerali – ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi magħquda WB *et* (C-748/19 sa C-754/19, EU:C:2021:403). Għal evalwazzjoni kritika u (tabilħaqq) negattiva tal-amalgamazzjoni taż-żewġ uffiċċji, ara Il-Kummissjoni ta' Venezja, Opinion on the Act on the Public Prosecutor's Office, kif emendata (2017) Opinjoni 892/2017.

[58] Kawża Nru. II DSI 67/18.

tiegħu f'dik il-kwistjoni. F'dik il-kawża, it-Tribunal Dixxiplinari kien ikkonferma d-deċiżjoni kkontestata iżda d-deċiżjoni tiegħu ġiet ikkontestata mill-Ministru għall-Ġustizzja/Prosekutur Ġenerali permezz ta' appell ta' kassazzjoni.

115. Għalkemm mhux qed niddikjara li fhimt bis-sħiħ id-dettalji kollha tal-proċedura nazzjonali, qiegħed nifhem li l-prinċipju huwa li, wara bidla fil-linja ġurisprudenzjali preċedenti, l-Izba Dyscyplinarna Sądu Najwyższego (l-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) effettivament tat id-dritt lill-Ministru għall-Ġustizzja/Prosekutur Ġenerali li jippreżenta appell u, b'mod indirett, lilha nnifisha, il-kompetenza li tisma' appelli ta' kassazzjoni kontra deċiżjonijiet tal-Aġent Dixxiplinari li jwaqqaf proċeduri dixxiplinari.

116. It-tielet, meta ż-żewġ elementi preċedenti jiġu magħquda flimkien, dik li tidher bħala bidla proċedurali ordinarja fid-dritt nazzjonali tieħu dimensjoni kompletament differenti. Billi deċiżjonijiet li ma jinbdewx proċeduri dixxiplinari jiġu appellati sistematikament jew ripetutament, il-Ministru għall-Ġustizzja/Prosekutur Ġenerali (jew prosekutur nazzjonali li jaġixxi skont struzzjonijiet tiegħu) jistgħu effettivament ikunu kapaċi jimbuttaw għat-tressiq ta' proċeduri dixxiplinari, jew li dawn jitkomplew (possibbilment għal dejjem) kontra ċerti membri tal-Avukatura. Tali appelli fl-aħħar mill-aħħar jiġu ppreżentati quddiem organu li preċedentement instab li kien nieqes minn indipendenza preċiżament minħabba li l-eżekuttiv, u b'mod partikolari l-Ministru għall-Ġustizzja, kien qiegħed jeżerċita influwenza indebita fuq il-kompożizzjoni tiegħu[59].

## 2. *Ammissibbiltà*

117. Il-Prosekutur Nazzjonali, il-Gvern Pollakk u l-Kummissjoni jqisu li t-tieni u t-tielet domanda huma inammissibbli. Skont il-Gvern Pollakk b'mod partikolari, dawn id-domandi huma ipotetiċi peress li huma prematuri. Kieku kellu jiġi ppreżentat appell ta' kassazzjoni kontra d-deċiżjoni tat-Tribunal Dixxiplinari, dan l-appell ikollu jiġi ppreżentat quddiem is-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema), li mbagħad tassenja l-kawża u lill-istanza li jkollha kompetenza li tismagħha u tibgħat il-proċess lilha. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex tirrispondi domandi purament ipotetiċi li jikkonċernaw kwistjonijiet proċedurali futuri li għandhom jiġu eżaminati wara li l-qorti tar-rinviju tkun tat id-deċiżjoni tagħha.

118. Il-partijiet interessati kollha huma tal-fehma li r-raba' domanda hija wkoll inammissibbli. Għall-Gvern Pollakk b'mod partikolari, id-dritt għal rimedju effettiv taħt l-Artikolu 47 tal-Karta ma għandux jiġi interpretat b'mod li jwarrab jew irendi ineffettivi rimedji legali quddiem qrati għall-allegat għan li l-partijiet jiġu żgurati li t-tilwima tagħhom tkun qiegħda tinstema' minn qorti indipendenti. Il-qorti tar-rinviju ssib lilha nnifisha f'pożizzjoni fejn tipproteġi l-interessi ta' parti għad-detriment tal-oħra, u għaldaqstant tmur kontra l-essenza nnifisha tal-Artikolu 47 tal-Karta.

119. Ikolli nammetti li l-mod kif il-qorti tar-rinviju fformulat id-domandi preliminari, joħloq xi diffikultajiet fir-rigward tal-ammissibbiltà tat-tieni u r-raba' domanda.

120. Minn naħa, risposta għat-tieni u r-raba' domanda tista' tabilħaqq tidher superfluwa għall-finijiet ta' soluzzjoni tat-tilwima pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju. Permezz ta' dawn id-domandi, jidher li l-qorti tar-rinviju hija kkonċernata bil-pass sussegwenti u potenzjalment

[59] Sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A.K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982).

aħħari fil-proċedura ġudizzjarja nazzjonali. Dan huwa, madankollu, kundizzjonali fuq il-fatt li d-deċiżjoni pendenti fil-kawża prinċipali tiġi appellata permezz ta' kassazzjoni quddiem l-Izba Dyscyplinarna Sądu Najwyższego (l-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema).

121. Sa dan il-punt, it-tieni u r-raba' domanda jidhru prematuri. Il-fatt li dik il-qorti trid teżamina, għat-tielet darba, fl-istess proċeduri, deċiżjoni tal-Aġent Dixxiplinari rigward R.G. ma jbiddilx il-konklużjoni preċedenti. Fil-kawża preżenti l-qorti tar-rinviju ma hijiex iffaċċjata bil-problema li l-Aġent Dixxiplinari ma huwiex lest li jsegwi d-deċiżjoni ġudizzjarja tagħha wara li l-kawża ntbagħtet lura lil dan tal-aħħar. Il-qorti tar-rinviju hija fil-fatt ikkonċernata dwar jekk il-prospett (futur) tal-kawża eventwalment jasalx quddiem it-*tielet parti* li hija s-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema) (b'mod iktar speċifiku l-Izba Dyscyplinarna Sądu Najwyższego (l-Alwa Dixxiplinari tal-Qorti Suprema)), jekk il-qorti tar-rinviju din id-darba tiddeċiedi li tikkonferma d-deċiżjoni kkontestata tal-Aġent Dixxiplinari.

122. Għaldaqstant, filwaqt li jidher li l-qorti tar-rinviju ssib lilha nnifisha f'ċirku li ma jispiċċa qatt, it-tieni sar-raba' domanda fil-fatt huma relatati ma' tip differenti ta' ċirku li għadu ma mmaterjalizzax[60].

123. Min-naħa l-oħra, il-qorti tar-rinviju madankollu stabbilixxiet ċerti rabtiet rilevanti bejn it-tieni u r-raba' domanda *u* l-kawża pendenti quddiemha.

124. Fir-rigward tat-tieni u t-tielet domanda, il-qorti tar-rinviju qalet li hija tikkunsidra li risposta mill-Qorti tal-Ġustizzja hija meħtieġa sabiex tkun tista' tikkjarifika liema organu jkollu kompetenza biex jisma' appell ta' kassazzjoni potenzjali kontra d-deċiżjonijiet tagħha stess (jew oġġezzjoni għal rifjut li tintlaqa' tali kassazzjoni) minħabba l-*kontenut tal-istruzzjoni* li l-qorti tar-rinviju hija marbuta li tagħti meta tagħti d-deċiżjoni tagħha lill-partijiet. Permezz tad-dritt nazzjonali, il-qorti tar-rinviju għandha l-obbligu, fid-deċiżjoni finali tagħha, li tagħti struzzjonijiet lill-partijiet fil-kawża dwar il-limitu *ratione temporis* għall-preżentata ta' appell kif ukoll il-mod kif dan għandu jsir jew li tinnotifikahom li ma hemm ebda dritt ta' appell. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tikkontempla l-possibbiltà li tieħu inkunsiderazzjoni s-sentenza tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema) tal-5 ta' Diċembru 2019 u, għalhekk, tagħti struzzjoni lill-partijiet li l-appelli għandhom jiġu ppreżentati quddiem l-Izba Karna Sądu Najwyższego (l-Awla Kriminali tal-Qorti Suprema) u mhux quddiem l-Izba Dyscyplinarna Sądu Najwyższego (l-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema).

125. Fir-rigward tar-raba' domanda, il-qorti tar-rinviju ssuġġeriet li, b'riżultat tal-Artikolu 47 tal-Karta, tista' *hija stess* toqgħod lura milli teżamina l-kawża pendenti quddiemha sabiex tibblokka l-appell ta' kassazzjoni potenzjali sussegwenti lill-Izba Dyscyplinarna Sądu Najwyższego (l-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema), u b'hekk teskludi kwalunkwe interferenza possibbli minn din tal-aħħar.

126. Minn dan isegwi li r-risposti tal-Qorti tal-Ġustizzja għat-tieni u r-raba' domanda jistgħu verament ikollhom *xi* impatt fuq is-soluzzjoni tat-tilwima pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju. Madankollu, nirrikonoxxi li numru ta' elementi għadhom ma humiex ċari. Pereżempju, ma huwiex immedjatament evidenti kif, f'termini prattiċi, il-qorti tar-rinviju tista' tipprevjeni appelli ta' kassazzjoni milli jiġu ppreżentati quddiem l-Izba Dyscyplinarna Sądu Najwyższego (l-Awla

60 Ikkuntrasta, f'dan ir-rigward, pereżempju, il-kawża Torubarov fejn, wara l-iskambji suċċessivi bejn l-istess partijiet, il-proċedura nazzjonali kienet weħlet minħabba n-nuqqas ta' rieda apparenti tal-awtorità amministrattiva li tapplika d-deċiżjoni ġudizzjarja preċedenti. Madankollu, hemmhekk, il-qorti tar-rinviju qajjmet kwistjoni speċifika għall-impass li kien diġà mmaterjalizza – ara s-sentenza tad-29 ta' Lulju 2019, Torubarov (C-556/17, EU:C:2019:626, punti 23 sa 32).

Dixxiplinari tal-Qorti Suprema); jew, tabilħaqq, fid-dawl tal-osservazzjonijiet tal-Gvern Pollakk rigward l-assenjazzjoni ta' kawżi fi ħdan is-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema), kif il-qorti tar-rinviju ser jirnexxielha tidderieġi kawża speċifikament lejn l-Izba Karna Sądu Najwyższego (l-Awla Kriminali tal-Qorti Suprema).

127. Fl-aħħar nett, wieħed ma jistax jinjora l-fatt li t-tieni u r-raba' domanda huma, minn ċertu perspettiva, domandi relatati mal-interpretazzjoni tal-konsegwenzi prattiċi ta' sentenza li kienet ingħatat preċedentement minn din il-Qorti, senjatament A.K. *et*. Tabilħaqq, f'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi "li tilwim dwar l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jkun jista' jaqa' fil-kompetenza esklużiva ta' istanza li ma tikkostitwixxix qorti indipendenti u imparzjali"[61]. Peress li, kif ġie stabbilit iktar 'il fuq, din il-kawża taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni bis-saħħa tad-Direttiva dwar is-Servizzi, huwa leġittimu għall-qorti tar-rinviju li essenzjalment tistaqsi: kollox sew, eżattament x'suppost għandi nagħmel dwar dan? Kif, f'termini speċifiċi u prattiċi, nista' niżgura konformità mad-dritt tal-Unjoni u nsegwi sentenza preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja?

128. Għaldaqstant, sa fejn il-kamp ta' applikazzjoni tat-tieni u r-raba' domanda tabilħaqq jikkonċerna kwistjonijiet li huma pendenti u rilevanti għad-deċiżjoni li għandha tagħti l-qorti tar-rinviju, allura, tabilħaqq *sa dan il-punt*, dawn id-domandi huma ammissibbli. Madankollu, il-karatteristiċi segwenti tal-proċedura preliminari għandhom jiggwidaw ir-riformulazzjoni ta' dawn id-domandi.

129. L-ewwel nett, il-proċedura stipulata fl-Artikolu 267 TFUE hija strument ta' kooperazzjoni bejn din il-Qorti u l-qrati nazzjonali, li permezz tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja tipprovdi lill-qrati nazzjonali b'punti ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni meħtieġa sabiex jiddeċiedu tilwim pendenti quddiemhom. Il-proċedura preliminari ma tippermettix li jingħataw opinjonijiet konsultattivi dwar domandi ġenerali jew ipotetiċi. Ir-risposti għad-domandi magħmula għandhom pjuttost ikunu *neċessarji* għas-soluzzjoni effettiva ta' tilwima, li l-qorti nazzjonali trid tkun *kapaċi li tieħu inkunsiderazzjoni* fil-kawża prinċipali[62].

130. Minn dan isegwi, loġikament, li l-portata ta' kwalunkwe risposti potenzjali li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tipprovdi hija limitata għal dak li l-qorti nazzjonali tista' tagħmel fil-kawża pendenti quddiemha. Ma tistax tiġi estiża għal dak li qrati jew istituzzjonijiet oħra għandhom jagħmlu fil-futur. Dan jipprekludi gwida dwar l-atti jew azzjonijiet potenzjali *futuri* ta' *qrati oħra*.

131. It-tieni, kwalunkwe gwida li tista' tagħti din il-Qorti permezz ta' deċiżjoni preliminari hija strettament limitata għal kwistjonijiet ta' *interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni*, mhux tad-dritt nazzjonali. Ma huwiex kompitu ta' din il-Qorti li tinterpreta d-dritt nazzjonali, *a fortiori* biex tarbitra bejn interpretazzjonijiet differenti tad-dritt nazzjonali li jirriżultaw fuq livell nazzjonali. B'mod partikolari, ma huwiex kompitu ta' din il-Qorti li tissuġġerixxi liema mill-interpretazzjonijiet opposti tar-regoli nazzjonali proċedurali hija korretta, u liema regola eżatta jew rotta disponibbli taħt id-dritt tal-Unjoni għandha tieħu qorti tar-rinviju sabiex tiżgura konformità mad-dritt tal-Unjoni.

[61] Sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A.K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 171).

[62] Ara s-sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, Miasto Łowicz u Prokurator Generalny (C-558/18 u C-563/18, EU:C:2020:234, punti 44 u 46 u l-ġurisprudenza ċċitata); jew id-digriet tat-2 ta' Lulju 2020, S.A.D. Maler und Anstreicher (C-256/19, EU:C:2020:523, punti 42 u 44).

132. B'dawn il-limiti f'moħħi, jiena tal-fehma li t-tieni sar-raba' domanda huma ammissibbli. Dan premess, dawn id-domandi għandhom jiġu indirizzati minn livell ta' astrazzjoni ħafna ogħla u wieħed għandu jitratta biss il-parti ta' dawn id-domandi li hija relatata mad-dritt tal-Unjoni, kif ser nipprova nagħmel f'dan l-istadju.

*3. Is-setgħat tal-qrati nazzjonali biex tiġi żgurata konformità mad-dritt tal-Unjoni*

133. Permezz tat-tieni sar-raba' domanda, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk għandhiex is-setgħa, taħt id-dritt tal-Unjoni, li twarrab, sabiex tiżgura konformità mad-dritt tal-Unjoni: (i) leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-istabbiliment ta' kompetenza (it-tieni domanda); (ii) interpretazzjoni legali (normalment vinkolanti) tad-dritt nazzjonali mogħtija minn qorti superjuri (it-tielet domanda); (iii) l-appell jew is-sottomissjonijiet magħmula minn parti quddiem il-qorti tar-rinviju (ir-raba' domanda).

134. Dwar l-ewwel u t-tieni punt, fil-fatt diġà hemm linja rikka ta' ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. L-ewwel nett, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, bis-saħħa tal-prinċipju ta' supremazija, qorti nazzjonali għandha tapplika d-dritt tal-Unjoni fit-totalità tiegħu u tipproteġi d-drittijiet li dan tal-aħħar jagħti lill-individwi. Konsegwentement, hija obbligata twarrab kwalunkwe *dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali* li tista' tkun kunfliġġenti miegħu, sew jekk tkun ġiet introdotta qabel sew jekk wara r-regola tal-Unjoni. Fi kliem ieħor, kull dispożizzjoni legali nazzjonali jew kull prassi leġiżlattiva, amministrattiva jew ġudizzjarja, li tista' tnaqqas l-effettività tad-dritt tal-Unjoni billi żżomm mill-qorti kompetenti mill-applikazzjoni ta' dan id-dritt is-setgħa li tagħmel dak kollu li huwa neċessarju, fil-mument ta' din l-applikazzjoni, biex twarrab dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali li jistgħu jipprekludu lil regoli tal-Unjoni milli jkollhom effettività sħiħa, hija inkompatibbli mar-rekwiżiti inerenti għan-natura stess tad-dritt tal-Unjoni[63]. Sabiex tiżgura din il-konformità, il-qorti tar-rinviju tista' jew tinterpreta regoli nazzjonali konformement mad-dritt tal-Unjoni jew, fejn ikun neċessarju, tħalli mhux applikati d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jipprekluduha milli tiżgura konformità[64].

135. It-tieni, fejn jidħlu opinjonijiet legali jew sentenzi ta' qrati superjuri, hija wkoll tabilħaqq ġurisprudenza stabbilita li qrati nazzjonali għandhom, jekk ikun meħtieġ, iwarrbu d-deċiżjonijiet ta' qorti superjuri jekk iqisu li dawn ma humiex konsistenti mad-dritt tal-Unjoni[65]. Sa ċertu punt, il-loġika u l-konsegwenzi huma l-istess fiż-żewġ xenarji: jekk il-qorti tar-rinviju, jew kwalunkwe qorti oħra[66], ma titħalliex tiżgura konformità sħiħa mad-dritt tal-Unjoni, is-sorsi ta' inkompatibbiltà potenzjali, sew jekk ikollha oriġini leġiżlattiva, sew jekk ikollha oriġini individwali ġudizzjarja, jistgħu jitwarrbu, naturalment suġġett għall-kundizzjoni li l-bidla minn tali sorsi tkun debitament immotivata u spjegata[67].

63 Ara, pereżempju, is-sentenzi tad-9 ta' Marzu 1978, Simmenthal (106/77, EU:C:1978:49, punti 21 u 22); tad-19 ta' Ġunju 1990, Factortame *et* (C-213/89, EU:C:1990:257, punt 20); u tat-22 ta' Ġunju 2010, Melki u Abdeli (C-188/10 u C-189/10, EU:C:2010:363, punt 44).

64 Ara, b'iktar riferimenti, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Popławski (C-573/17, EU:C:2019:530, punti 50 *et seq*).

65 Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-5 ta' Ottubru 2010, Elchinov (C-173/09, EU:C:2010:581, punt 30), u tal-15 ta' Jannar 2013, Križan *et* (C-416/10, EU:C:2013:8, punt 69).

66 Il-Qorti tal-Ġustizzja ripetutament fakkret li qorti nazzjonali hija naturalment intitolata li tikkonstata inkompatibbiltà tad-dritt nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni u tislet il-konsegwenzi xierqa minn din il-konstatazzjoni, anki mingħajr talba għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 267 TFUE – ara s-sentenzi tad-19 ta' Jannar 2010, Kücükdeveci (C-555/07, EU:C:2010:21, punti 53 sa 55); tal-5 ta' Ottubru 2010, Elchinov (C-173/09, EU:C:2010:581, punt 28); u d-digriet tat-3 ta' Settembru 2020, Vikingo Fővállalkozó (C-610/19, EU:C:2020:673, punt 75).

67 Ara, f'iktar dettall, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Ministerul Public – Parchetul de pe lângă Înalta Curte de Casație și Justiție – Direcția Națională Anticorupție *et* (C-357/19 u C-547/19, EU:C:2021:170, punti 235 sa 243).

136. Iż-żewġ linji ta' ġurisprudenza deskritti hawn fuq ġew żviluppati fil-kuntest ta' kawżi dwar kompatibbiltà individwali, mingħajr ma dawn il-kawżi neċessarjament kellhom implikazzjonijiet strutturali usa'. Madankollu, ma hemmx dubju li l-istess approċċ huwa applikabbli, forsi anki *a fortiori*, fir-rigward ta' kwistjonijiet strutturali, bħal dawk relatati ma' leġiżlazzjoni li tistabbilixxi l-kompetenzi għal organi li strutturalment ma għandhom ebda indipendenza. L-iżjed ġurisprudenza reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma din l-estensjoni li hija tabilħaqq għal kollox loġika.

137. L-ewwel nett, fis-sentenza tagħha A.K. *et*, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 47 tal-Karta jipprekludi li tilwim dwar l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jkun jista' jaqa' fil-kompetenza esklużiva ta' qorti li ma tikkostitwixxix qorti indipendenti u imparzjali, *in casu* l-Izba Dyscyplinarna Sądu Najwyższego (l-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema), suġġett għal verifika mill-qorti nazzjonali. Konsegwentement, il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni jeħtieġ li qrati nazzjonali jħallu mhux applikati d-dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tirriżerva l-kompetenza sabiex tingħata deċiżjoni dwar kawżi lil tali qorti, sabiex b'hekk dawn il-kawżi jkunu jistgħu jiġu eżaminati minn qorti li tissodisfa r-rekwiżiti ta' indipendenza u ta' imparzjalità u li kienet tkun kompetenti fil-qasam ikkonċernat li kieku ma kienx għall-imsemmija dispożizzjoni [68].

138. It-tieni, iktar reċentement, fil-kawża A.B. *et* [69], il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet adita mill-kwistjoni ta' kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' emendi fid-dritt nazzjonali li ċaħħdu lill-qorti tar-rinviju mill-kompetenza tagħha. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fejn jiġi pprovat li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE ikun inkiser, il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li jimponi fuq il-qorti tar-rinviju li tħalli mhux applikati l-emendi inkwistjoni, irrispettivament minn jekk dawn ikunux ta' oriġini leġiżlattiva jew kostituzzjonali, u li, konsegwentement, tkompli tassumi l-kompetenza li kienet tagħha biex tieħu konjizzjoni ta' tilwim li kellha quddiemha qabel ma saru dawn l-emendi [70].

139. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja hawn deskritta, kif ikkonfermata mill-iżjed sentenzi reċenti speċifikament dwar l-Izba Dyscyplinarna Sądu Najwyższego (l-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema), tabilħaqq isegwi li l-qorti tar-rinviju għandha, bis-saħħa tas-supremazija tad-dritt tal-Unjoni, tħalli mhux applikat id-dritt nazzjonali, inkluża l-ġurisprudenza tal-Izba Dyscyplinarna Sądu Najwyższego (l-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema), u tapplika minflok id-dritt nazzjonali preċedenti dwar ġurisdizzjoni. Għalkemm kemm fil-kawża A.K. *et* kif ukoll fil-kawża A.B. *et*, il-qorti tar-rinviju ma kinitx qorti inferjuri [71], ma nemminx li din id-differenza hija ta' rilevanza. Is-sentenza fil-kawża A.K. *et* hija ugwalment rilevanti għall-qorti tar-rinviju fil-kawża preżenti.

140. Fil-qosor, id-dritt tal-Unjoni b'mod ċar jagħti s-setgħa lil qorti nazzjonali, taħt il-kundizzjonijiet spjegati iktar 'il fuq, biex twarrab leġiżlazzjoni nazzjonali jew opinjoni ġudizzjarja ta' qorti superjuri, jekk dan ikun l-uniku mod kif tiġi żgurata konformità mad-dritt tal-Unjoni.

[68] Sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A.K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 171).

[69] Sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, A.B. *et* (Ħatra ta' mħallfin għall-Qorti Suprema – Azzjonijiet) (C-824/18, EU:C:2021:153).

[70] *Ibid.*, punti 142 sa 150.

[71] Iżda min-Naczelny Sąd Administracyjny (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Polonja) u s-Sąd Najwyższy (Izba Pracy i Ubezpieczeń Społecznych) (il-Qorti Suprema (Sezzjoni Industrijali u tas-Sigurtà Soċjali) rispettivament.

141. Li huwa tabilħaqq ġdid hija t-tielet kwistjoni mqajjma mill-qorti tar-rinviju fir-raba' domanda tagħha, li permezz tagħha l-qorti tar-rinviju tidher li qiegħda tistaqsi jekk għandhiex sempliċement tinjora l-appell pendenti quddiemha. Nifhem li l-motiv li fuqha hija bbażata din il-proposta huwa l-ħolqien ta' ċertu vojt ġuridiku. Tabilħaqq, jekk ma hemm ebda deċiżjoni, allura xejn ma jista' jiġi appellat. Għaldaqstant, ma hemm xejn li jista' potenzjalment jipprogressa għal qorti li *ma hijiex* indipendenti.

142. Minkejja s-sempliċità attraenti u radikali ta' din l-idea, bħall-Gvern Pollakk fil-fatt, ma nistax ma nissuġġerix risposta fin-negattiv. L-Artikolu 47 tal-Karta (u, għal dak il-għan, l-Artikolu 19(1) TUE) jissalvagwarda d-dritt għal rimedju legali effettiv. Anki jekk il-"livell li jmiss" f'ġerarkija ġudizzjarja ma jissodisfax dan l-istandard, din id-dispożizzjoni bilkemm tista' tiġi interpretata bħala li għandha effett kumulattiv fuq il-livell iżjed baxx, li ma jħallieha tagħti ebda deċiżjoni.

143. Fil-fehma tiegħi, ir-raġuni għal dan hija pjuttost sempliċi, iżda oneruża ħafna: il-projbizzjoni ta' *denegatio iustitiae*. Sa mill-Artikolu 4 tal-Kodiċi Ċivili Franċiża, "imħallef li jirrifjuta li jiddeċiedi, bl-iskuża li l-liġi hija siekta, oskura jew difettuża, jista' jitressaq b'akkuża ta' ċaħda ta' ġustizzja" [traduzzjoni libera][72].

144. Għalkemm oriġinarjament stabbilita fil-kuntest tad-dritt ċivili, u sa fejn naf jien qatt ma ġiet iddikjarata li hija parti mid-dritt tal-Unjoni, din il-projbizzjoni hija aspett tant fundamentali tal-funzjoni ġudizzjarja moderna li lanqas is-supremazija tad-dritt tal-Unjoni ma tista' tbiddilha. Ma jistax ikun il-każ li qorti tibqa' sempliċement inattiva deliberatament, u tirrifjuta li tagħti kwalunkwe deċiżjoni, mhux biss għaliex il-liġi hija difettuża iżda wkoll għaliex qorti superjuri apparentament hija difettuża. Minflok, is-sistema diġà tippermetti li qorti turi n-nuqqas ta' qbil tagħha billi tippermetti lil qorti tiddeċiedi fuq kawża u, jekk ikun hemm bżonn, ma tapplikax leġiżlazzjoni nazzjonali jew il-gwida minn qorti superjuri, dejjem permezz ta' deċiżjoni debitament immotivata.

145. Fil-fehma tiegħi, dan huwa sa fejn tista' tasal din il-Qorti tal-Ġustizzja fl-għoti ta' (almenu) xi gwida utli lill-qorti tar-rinviju, filwaqt li tibqa' fil-parametri tal-proċedura preliminari spjegati hawn fuq[73]. Nerġa' ntenni li r-rwol ta' din il-Qorti huwa li tinterpreta d-dritt tal-Unjoni u mhux id-dritt nazzjonali. Barra minn hekk, anki jekk teżamina l-kompatibbiltà ta' ċerti regoli nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni fil-prattika, din l-evalwazzjoni tradizzjonalment ġiet limitata għal dikjarazzjonijiet negattivi ta' inkompatibbiltà, iżda qatt għal dikjarazzjonijiet pożittivi dwar kif tista' tinkiseb kompatibbiltà f'termini speċifiċi. Dan tal-aħħar huwa tabilħaqq il-kompitu esklużiv tal-qorti tar-rinviju u awtoritajiet kompetenti oħra tal-Istat Membru kkonċernat.

146. Nirrikonoxxi li tali diviżjoni ta' kompetenzi fil-proċedura preliminari tista' ma tkunx ideali biex jiġu ttrattati sitwazzjonijiet essenzjalment patoloġiċi fi Stat Membru, li fih jidher li regoli normali ta' involviment legali u fair play qegħdin jitkissru. Madankollu, f'termini realistiċi, il-proċedura għal deċiżjoni preliminari għandha limiti inerenti f'termini tal-potenzjal tagħha biex issolvi l-konfronti istituzzjonali f'tali kuntest speċifiku, fejn attur jew numru ta' atturi jirrifjutaw li jsegwu l-gwida mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja. F'tali każijiet, intervent minn parti terza u infurzar estern tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, bħal ma huwa dak previst fl-Artikoli 258 sa 260 TFUE, jibqgħu rimedju iżjed xieraq, jekk mhux ukoll l-uniku.

72 Portalis, J.E.M., "Discours préliminaire sur le projet de Code Civil présenté le 1er pluviôse an IX" (p. 12) f'Portalis, J.E.M., *Discours et rapports sur le Code civil*, Caen, Fontes & Paginae, 2010, p. 70.

73 Ara iktar 'il fuq, punti 128 sa 131 ta' dawn il-konklużjonijiet.

## V. Konklużjoni

147. Qiegħed nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi preliminari tas-Sąd Dyscyplinarny Izby Adwokackiej w Warszawie (it-Tribunal Dixxiplinari tal-Avukatura ġewwa Varsavja, il-Polonja):

– Il-Kapitolu III tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzi fis-suq intern, japplika, bħala parti minn skema ta' awtorizzazzjoni li tirregola l-eżerċizzju tal-attività ta' avukati, għal proċeduri dixxiplinari mibdija kontra avukati, li r-riżultat tagħhom jista' jaffettwa l-kapaċità kontinwa ta' dawn l-avukati li jipprovdu servizzi legali taħt din id-direttiva. Konsegwentement, l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u, jekk ikun il-każ, l-Artikolu 19(1) TUE, japplikaw ukoll għal tali proċeduri.

– Fuq il-bażi tas-supremazija tad-dritt tal-Unjoni:

  – Qorti nazzjonali hija obbligata li twarrab id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jirriżervaw il-kompetenza biex tingħata deċiżjoni dwar kawżi lil qorti li ma hijiex indipendenti u imparzjali, b'tali mod li dawn il-kawżi jkunu jistgħu jiġu eżaminati minn qorti li tissodisfa r-rekwiżiti ta' indipendenza u imparzjalità u li kienet tkun kompetenti li kieku l-imsemmija dispożizzjoni ma kinitx tipprekludi dan.

  – Qorti nazzjonali għandha, jekk ikun meħtieġ, twarrab id-deċiżjonijiet ta' qorti superjuri jekk tikkunsidra li dawn huma inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, inkluż sitwazzjonijiet li fihom l-inkompatibbiltà tirriżulta minn assenza ta' indipendenza u imparzjalità ta' dik il-qorti superjuri.